



EESC info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

April 2025 | MT

This page is also available in:

- [ES](#)
- [BG](#)
- [CS](#)
- [DA](#)
- [EN](#)
- [DE](#)
- [ET](#)
- [FR](#)
- [EL](#)
- [GA](#)
- [HR](#)
- [IT](#)
- [LV](#)
- [LT](#)
- [HU](#)
- [NL](#)
- [PL](#)
- [PT](#)
- [FI](#)
- [RO](#)
- [SK](#)
- [SL](#)
- [SV](#)

Available Languages:

EDITORJAL



Editorjal

Is-soċjetà ċivili tindirizza l-polarizzazzjoni tas-soċjetà

April magħna, u għadna qed nirriflettu dwar il-ġranet intensivi li esperjenzajna u l-ispunti ta' riflessjoni li ħarġu mill-avvenimenti ewlenin tagħna li saru f'Marzu, u li għal darb'oħra wrew is-saħħa u d-determinazzjoni tas-soċjetà ċivili.

Marzu kien tabilħaqq xahar intensiv u ta' ispirazzjoni fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Ospitajna l-avveniment annwali

tagħna għaż-żgħażagħ, *L-Ewropa Tiegħek, Leħnek*, li matulu nagħtu l-kelma lill-futur tal-Ewropa: iż-żgħażagħ, li ħafna minnhom għadhom jattendu l-iskola sekondarja, u li jiġu minn madwar il-kontinent kollu, inklużi r-Renju Unit u l-pajjiżi kandidati tal-UE.

Organizzajna wkoll it-tieni *Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili* tagħna, li laqqgħet flimkien aktar minn 800 rappreżentant tas-soċjetà ċivili mill-Ewropa kollha biex jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet vivaċi, jiskambjaw l-aħjar prattiki, u flimkien isibu soluzzjonijiet immirati lejn it-tiżi tal-parteeċipazzjoni demokratika. It-tema ta' din is-sena kienet *It-tiżi tal-koeżjoni u l-parteeċipazzjoni f'soċjetajiet polarizzati*.

Fiż-żminijiet turbulenti tal-lum il-ġurnata, il-kwistjonijiet urġenti ma jonqsux. Allura għaliex iffukajna fuq il-polarizzazzjoni?

Il-polarizzazzjoni – it-tiżi ta' fehmiet opposti – tista' tkun parti normali mid-diskors demokratiku, li spiss ikun imsejjes fuq l-ideoloġija. Fil-fatt, dibattitu vivaċi u l-espressjoni ta' opinjonijiet diversi, u saħansitra kunfliġġenti, huma vitali għal kwalunkwe soċjetà miftuħa u pluralistika bħal tagħna. Kif spiss enfasizza l-KESE, dibattitu miftuħ u mingħajr restrizzjonijiet huwa l-pedament ta' soċjetà parteċipattiva, li mingħajrha d-demokrazija ma tistax tiffunzjona kif suppost.

Madankollu, it-tip ta' polarizzazzjoni li qed naraw illum huwa differenti. Qed naraw żieda fil-polarizzazzjoni u l-populiżmu negattivi li jirrifjutaw id-djalogu, inaqqu l-fiduċja, u jdgħajfu l-valuri demokratiċi. Fil-politika u fil-ħajja pubblika, il-lok għal compromess qed jonqos. Meta l-polarizzazzjoni ssir ostili, meta talimenta l-mibegħda jew ir-riżentiment, tfixkel il-koeżjoni soċjali, tkegġeg id-diviżjoni, u fl-aħħar każijiet, twassal għall-vjolenza.

Aħna u niddedikaw l-avveniment tagħna għall-polarizzazzjoni, ridna nenfasizzaw iż-żieda inkwetanti fil-karatteristiċi tossiċi tagħha, li bil-mod il-mod qed jiżdiedu fin-nisġa kollha tas-soċjetajiet Ewropej.

Din it-tendenza inkwetanti hija amplifikata minn għadd ta' theddid: l-interferenza barranija fil-proċessi demokratiċi, it-tixrid tad-diżinformazzjoni, u l-manipulazzjoni tal-media soċjali biex tissikket l-oppożizzjoni u jiġu promossi fehmiest estremi. Qed naraw ukoll pressjonijiet dejjem akbar fuq il-libertà tal-media – permezz ta' monopolizzazzjoni, interferenza mill-gvern, kif ukoll attacchi fuq ġurnalisti — fi żmien meta l-media ħielsa u pluralistika hija aktar essenzjali minn qatt qabel.

Fil-KESE, ninsabu mħassba ħafna dwar iż-żieda fir-reati bbażati fuq il-mibegħda fl-Ewropa, inklużi dawk immirati lejn ir-reliġjon, is-sess u l-ġeneru. Il-mibegħda ddgħajjed id-demokrazija u l-istituzzjonijiet tagħna, u twassal għal nuqqas ta' fiduċja fost iċ-ċittadini.

Is-soċjetà ċivili għandha rwol kruċjali f'dan ir-rigward. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom il-grinta u l-kuraġġ biex jiddefendu l-ispazji demokratiċi, jiddefendu d-drittijiet fundamentali, u jsaħħu n-nisġa tal-komunitajiet tagħna. Dan jinkludi l-ġlieda kontra l-effetti tossiċi tal-polarizzazzjoni negattiva.

Aħna appoġġajna dan l-isforz permezz tal-*Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili*. Dan l-avveniment offra spazju għal dialogu ġenwin, ideat ġodda, u soluzzjoni kollaborattiva għall-problemi bil-għan li jitravmu l-parteċipazzjoni u l-koeżjoni soċjali. Ġew organizzati panels tal-Grupp ta' Kuntatt dwar suġġetti differenti, u jum minnhom kien iddedikat għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ICE) – l-għodda aħħarija tal-UE għad-demokrazija diretta.

Bħala parti minn din il-Ġimgħa, il-KESE organizza wkoll il-15-il edizzjoni tal-*Premju tiegħu għas-Soċjetà Ċivili* li ngħata lil tliet inizjattivi eċċellenti li jiġġieldu l-polarizzazzjoni fl-Ewropa. Magħżula minn fost aktar minn 50 parteċipant minn 15-il Stat Membru, dawn il-proġetti juru kemm l-iskala tal-isfida kif ukoll l-impenn profund tal-atturi tas-soċjetà ċivili biex jindirizzaw din l-isfida direttament.

Nittama li l-*Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili* ta' din is-sena u r-rebbieħa tal-premju tagħna jispiraw ottimizzmu u twemmin imġedda fir-rwol li s-soċjetà ċivili jista' jkollha fid-difiża u l-promozzjoni tal-valuri demokratiċi Ewropej.

U peress li għadna qed nanalizzaw l-ideat, il-proposti, u t-tagħlimiet li nsiltu mill-avvenimenti tagħna ta' Marzu, f'din l-edizzjoni ta' April iddeċidejna li nagħtu l-kelma lil uħud mill-protagonisti tal-*Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili* u l-Ewropa Tiegħek, Leħnek. Il-qari t-tajjeb!

Laurențiu Plosceanu

Viċi President għall-Komunikazzjoni

DATI TAD-DJARJU

8 ta' Mejju 2025

[Avveniment dwar it-tisħiħ tal-migranti vulnerabbli](#)

10 ta' Mejju 2025

[Jum l-Ewropa 2025](#)

22 ta' Mejju 2025

Konferenza dwar "Iċ-ċittadini jistgħu jegħlbu d-diżinformazzjoni" f'Liżbona, il-Portugall

11 ta' Ġunju 2025

Konferenza dwar It-twettiq ta' enerġija affordabbli fl-Ewropa

18 u 19 ta' Ġunju 2025

Sessjoni plenarja tal-KESE



MISTOQSIJA LIL ...

Il-frammentazzjoni tas-suq uniku qed ikollha impatt dirett fuq l-għoli tal-ħajja fl-UE, u qed timbotta lil ħafna Ewropej f'xifer il-faqar. Staqsejna lil Emilie Prouzet, relatur tal-[Opinjoni](#) dwar dan is-suġġett, x'jirakkomanda l-KESE biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni u jinħoloq suq uniku ġust u kompetittiv.



IL-PREZZ TA' SUQ UNIKU MAQSUM HUWA G?OLI WISQ

minn PROUZET Emilie

Id-disfunzjonijiet tas-suq uniku qed ikollhom impatt dirett fuq l-għoli tal-ħajja u l-KESE jiddispijaċih li s-sitwazzjoni qed tmur għall-agħar. L-għoli tal-ħajja huwa aktar minn qatt qabel it-tħassib primarju taċ-ċittadini sħabna, speċjalment taż-żgħażaġħ. L-aktar milquta huma l-94,6 miljun Ewropew li jgħixu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali.

Il-FMI jistma li l-ostakli mhux tariffarji fi ħdan l-UE huma ekwivalenti għal dazji doganali ta' madwar 44 % għall-merkanzija, li huwa tliet darbiet aktar mill-ostakli bejn l-Istati Uniti, biex jintuża t-tqabbil li issa huwa komuni. Għas-suq tas-servizzi, iċ-ċifra hija ta' 110 %!

L-ikel, l-akkomodazzjoni, l-enerġija, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni: ħafna oqsma huma affettwati, u jeżistu inizjattivi Ewropej. Jeħtieġ li lkoll nieħdu azzjoni: l-Istati Membri, l-operaturi privati u l-Kummissjoni Ewropea fir-rwol tagħha bħala Gwardjan tat-Trattati. Se nikkwota tlieta mir-rakkomandazzjonijiet ewlenin li saru fir-rapport tagħna.

L-ewwel nett, jeħtieġ li nindirizzaw b'mod urġenti r-restrizzjonijiet territorjali tal-provvista u s-segmentazzjoni nazzjonali minn operaturi privati, li jirrestrinġu l-kompetizzjoni u jwasslu għal prezzijiet ogħla għall-konsumaturi. Erbatax-il biljun dollaru: din hija l-ispiża żejda għall-konsumaturi kull sena, skont studju tal-JRC mill-2020. Meta titqies l-inflazzjoni, jagħmel sens li l-għan ewleni tagħhom issa huwa li jtejbu s-suq uniku. Il-Kummissjoni, primarjament permezz ta' SMET, qed taħdem fuq dan. Għalkemm il-problema hija kumplessa, tressqu xi proposti. Ejjew nivvalutaw l-impatt tagħhom u nagħmlu progress rapidu rigward il-kwistjoni.

Nipproponu wkoll li jitħaffu l-proċedimenti kontra r-regoli nazzjonali li jiksru l-liġi tal-UE. Għandna neżaminaw il-possibbiltà ta' inġunzjonijiet interim kontra ksur ċar tar-regoli tal-UE. M'għandniex nippermettu li jiġu stabbiliti ostakli. Il-protezzjoniżmu ta' ċerti Stati Membri għandu konsegwenzi diretti. X'għandna nagħmlu mill-fatt li l-mediċini jistgħu jiskadu qabel ma jkun jistgħu jiġu diretti mill-ġdid lejn fejn huma meħtieġa?

Fl-aħħar nett, għandna d-dmir li nsibu approċċ ibbilanċjat bejn il-prevenzjoni tal-erożjoni ta' standards għoljin għas-sostenibbiltà, il-benesseri u l-protezzjoni tal-ħaddiema, it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi bla bżonn u l-iffaċilitar tal-kummerċ transfruntier biex jitrawwem suq uniku ġust u kompetittiv.



FIL-QOSOR

Il-membri tal-KESE Elena Calistru, relatur tal-Opinjoni [*Inħallu warajna l-kriżijiet - Miżuri għal ekonomija Ewropea reżiljenti, koeżiva u inklużiva*](#), tikteb dwar l-imperattivi ekonomiċi biex tinbena ekonomija li tipproteġi lill-individwi u lin-negozji mit-taqlib ekonomiku u l-kriżijiet akuti tal-għoli tal-ħajja.



RE?ILJENZA EKONOMIKA: MINN ?ESTJONI TAL-KRI?IJET G?AL PROTEZZJONI TA?-? ITTADINI

Minn Elena Calistru

Il-kriżijiet reċenti kienu test tal-istress għall-arkitettura ekonomika tal-Ewropa, fejn in-nies ordinarji qed iġorru l-akbar piż. L-Opinjoni tagħna dwar *Inħallu warajna l-kriżijiet* toffri pjan ta' azzjoni għal ekonomija li tipproteġi lill-individwi u lin-negozji, aktar milli tesponihom għal taqlib ekonomiku.

Jispikkaw tliet imperattivi ekonomiċi:

L-ewwel nett, it-tbassir ekonomiku jrid jevolvi minn analiżi retrospettiva għal intervent ta' previżjoni. Meta tfaqqa' l-inflazzjoni, huma l-imwejjed tal-kċina li jintlaqtu l-ewwel, qabel id-dashboards ekonomiċi. Neħtieġu sistemi sofistikati ta' detezzjoni bikrija li jidentifikaw il-konġestjonijiet fil-provvista u l-anomaliji fit-trażmissjoni tal-prezzijiet, qabel ma jibdew jinħassu fil-kontijiet tal-enerġija tat-tiġin u l-ikel mhux affordabbli. L-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli għal xokkijiet ekonomiċi huma preċiżament dawk bl-inqas kapaċità li jassorbuhom – realtà li titlob identifikazzjoni granulari tal-vulnerabbiltajiet biex tiġi żgurata protezzjoni mmirata.

It-tieni, il-kapaċità fiskali trid tinbidel minn rispons ta' emerġenza għal stabbilizzazzjoni integrata. Next Generation EU kien impressjonanti iżda improvvizzat. Mekkaniżmi ta' stabbilizzazzjoni fiskali permanenti b'sorveljanza mis-soċjetà ċivili jiżguraw li r-reazzjonijiet għall-kriżijiet jipproteġu lil dawk l-aktar f'riskju. Meta l-governanza ekonomika tinjora l-effetti distributtivi, il-pressjoni soċjali li tirriżulta tipperikola r-reżiljenza nnifisha li qed infittxu li nibnu. Il-kundizzjonalitajiet soċjali fil-finanzjament tal-UE m'għandhomx jitqiesu bħala ostakli burokratiċi – jistgħu jiżguraw li t-tkabbir ekonomiku jissarraf fi standards tal-għajxien imtejba għal kulħadd.

It-tielet, l-integrazzjoni tas-suq trid taċċellera l-oqsma l-aktar importanti għall-konsumaturi. Il-kostijiet tal-enerġija li jaqbżu b'mod sinifikanti dawk tal-kompetituri mhumieks biss indikaturi makroekonomiċi – huma kontijiet ta' kull xahar li jagħmlu pressjoni fuq il-baġits tal-unitajiet domestiċi madwar l-Ewropa. L-investimenti strateġiċi fl-infrastruttura transfruntiera u l-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija mhumieks biss objettivi ekonomiċi astratti iżda għajjuna tanġibbli għall-familji u n-negozji li qed iħossu l-għafsa tal-għoli tal-ħajja.

Il-politika ekonomika mfassla mingħajr il-kontribut tas-soċjetà ċivili hija bħal navigazzjoni mingħajr għarfien lokali – teknikament possibbli iżda fil-prattika mhix għaqlija. Meta l-politiki jiffasslu bil-parteċipazzjoni sħiħa ta' dawk li se jesperjenzaw il-konsegwenzi tagħhom, dawn dejjem jagħtu riżultati superjuri. Mhijiex kwistjoni ta' konsultazzjoni bħala formalità; imma kwistjoni ta' sfruttar tal-intelliġenza kollettiva tas-soċjetà ċivili organizzata matul iċ-ċiklu ta' politika kollu.

L-ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva tal-Ewropa teħtieġ li tiġi mmodernizzata, u mhux titħalla għal riħha. L-għażla bejn il-kompetittività u l-protezzjoni taċ-ċittadini hija promossa minn dawk b'immaġinazzjoni ekonomika limitata. L-isfidi li ġejjin jeħtieġu kreattività istituzzjonali li tqiegħed ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tan-nies fil-qalba tal-governanza ekonomika tal-Ewropa.



IL-MISTIEDNA SORPRI?A

Wara t-tradiment tal-Amerka, l-Ewropa ingħatat għażla ċara ħafna: li tiddefendi lill-Ukrajna bl-istess mod kif tiddefendi lilha nnifisha, jew tiffaċċja l-armata Russa fit-territorju tagħha stess illum qabel għada. Din il-ġlieda mhux se tkun faċli, iżda l-ebda battalja ma tintilef qabel ma tibda. Għad irridu naraw kemm se

jkun hemm Ewropej li jappoġġawna, tikteb il-mistiedna sorpriża tagħna, il-ġurnalista Ukrena Tetyana Ogarkova.

Tetyana Ogarkova, ġurnalista u esejista Ukrena, u speċjalista fil-letteratura, tgħix fi Kiev. Hija l-koordinatriċi tad-dipartiment internazzjonali tal-Ukrajna Crisis Media Centre u kopreżentatriċi tal-podcast “Explaining Ukraine”. Hija wkoll lettur fl-Università Mohyla ta’ Kiev u għandha dottorat fil-letteratura mill-Università Paris-XII Val-de-Marne.



EWROPA TAD-DIFI?A, TELLIEQA KONTRA L-?IN

minn Tetyana Ogarkova

Fil-bidu ta’ Marzu ta’ din is-sena tlaqt minn Kiev b’diqa kbira. Kont fi triqti lejn Franza għal jumejn biex nattendu simpożju dwar l-Ukrajna. B’riżultat ta’ dan, ma stajtx nattendu ċerimonja importanti fi Kiev. Il-ħabiba tagħna, il-poeta Svitlana Povalyaeva, kienet se tkun fil-Maidan, il-pjazza ċentrali tal-kapitali, biex torganizza ċerimonja f’memorja ta’ binha l-kbir, Vassyl, li miet ta’ 28 sena fil-gwerra. Huh iż-żgħir Roman inqatel jiġġielel fil-gwerra fis-sajf tal-2022 waqt il-liberazzjoni tar-reġjun ta’ Kharkiv. Kellu 24 sena.

Irkbit il-ferrovija, imdejqa u anzjuża. Hallett warajja t-tlett itfal tiegħi fid-dar tagħna. Din ma kinitx l-ewwel darba li sifirt għal żmien qasir matul il-gwerra. Iżda din id-darba kelli sens qawwi ta’ twerwir.

Kont naf li fil-periklu imminenti ta’ missili ballistiċi Russi, is-sistema ta’ twissija fuq il-mowbajl tiegħi ma kinitx se tavżani. Għal ftit jiem kont se nkun 2,000 kilometru ’l bogħod mid-dar, mingħajr aċċess għal informazzjoni dwar is-sikurezza tat-tfal tiegħi. Din kienet sitwazzjoni intollerabbli.

Kieku s-sistema ta’ twissija kellha tfalli, dan ikun minħabba li l-Istati Uniti qatgħet il-fluss ta’ intelligence lejn l-Ukrajna, inkluż għad-detezzjoni bikrija ta’ missili ballistiċi mit-territorju Russu. Issospendew ukoll l-għajnuna militari, u saħansitra mblukkaw tagħmir li diġà ntbagħat lejn il-Polonja.

Ftit jiem wara, irritornajt lejn l-Ukrajna. In-negozjati bejn id-delegazzjoni Ukrena, Amerikana u tal-Arabja Sawdija kienu seħħew waqt dan iż-żmien. L-Ukrajna kienet lesta għal waqfien totali u immedjat mill-ġlied – jekk ir-Russja tagħmel l-istess. Donald Trump kien sodisfatt. L-intelligence Amerikana rritornat, flimkien mal-għajnuna militari miftiehna waqt l-amministrazzjoni ta’ Biden.

Iżda l-fiduċja għosfrot. Ladarba tkun ġejt imqarraq, diffiċli li wieħed jagħmel tabilħaqq li kollox miexi sew.

L-Ewropa tikkondividi dan is-sentiment ta’ tradiment? L-epoka tal-umbrella tas-sigurtà tan-NATO taħt it-tmexxija Amerikana spiċċat. Dawk tal-MAGA qed jagħtuna daharhom. Qed jipplanaw li jimminimizzaw il-preżenza militari u umanitarja fl-Ewropa u qed joħorġu lir-Russja, lill-aggressur, mill-iżolament diplomatiku u ekonomiku tagħha.

Jekk Trump irid waqfien mill-ġlied fl-Ukrajna malajr kemm jista’ jkun u irrispettivament kif, huwa minħabba li ma jqisx id-destin tal-Ukrajna bħala importanti. Ijrid biss jimminimizza l-ispejjeż għall-baġit tal-Istati Uniti. L-Istati Uniti m’għadhiex tipparteċipa f’laqgħat bħal dawk li jsiru fil-bażi ta’ Ramstein, u ma hija ppjanata l-

ebda assistenza militari oħra tal-Istati Uniti għas-sena attwali.

Il-kisba tal-paċi aspejjeż tat-telfa tal-Ukrajna ma tinkwetax l-amministrazzjoni tal-Istati Uniti. Ir-rappreżentanti Steve Witkoff u Keith Kellogg jipproponu pjani biex l-Ukrajna tinqasam f'żewġ jew tliet partijiet separati – mera tal-Ġermanja Nażista ta' wara l-gwerra. Bħallikieku l-Ukrajna kienet l-aggressur li tilef il-gwerra.

Iżda l-Ewropa wkoll tinsab mhedda. Jekk Trump jippjana li jnaqqas l-għadd ta' truppi tal-Istati Uniti fl-Ewropa u jitlob kontribuzzjonijiet ta' 5% għall-baġit tad-difiża ta' kull pajjiż membru tan-NATO, dan huwa għax jemmen li d-difiża tal-Ewropa hija problema Ewropea.

Ir-Russja qed issegwi mill-qrib. Għar-Russja, in-NATO mingħajr tmexxija tal-Istati Uniti la hija forza ta' difiża u lanqas deterrent. Kemm jenħtieġ żmien biex tinbena "Ewropa tad-difiża" li tkun kapaċi tiżgura s-sigurtà tagħha waħedha? Jekk din il-mistoqsija hija wisq astratta għalik, ipprova wieġeb din: min, mill-Ewropej, se jmur biex jiddefendi l-istati Baltiċi jekk ir-Russja tattakka wara l-operazzjonijiet ta' taħriġ tagħha fil-Belarusija f'Settembru 2025?

Wara t-tradiment Amerikan, l-Ewropa ngħatat għażla ċara ħafna: tiddefendi lill-Ukrajna llum bl-istess mod kif kieku kienet tiddefendi lilha nnifisha, jew tiffaċċja l-armata Russa fit-territorju tagħha stess pitgħada. Din il-ġlieda mhux se tkun faċli, iżda l-ebda battalja ma tintilef qabel ma tibda.

Lejn l-aħħar ta' Marzu, ġibidli l-attenzjoni stħarriġ li sar biex titkejjel l-opinjoni pubblika Ukrena. Aktar minn 80% tal-Ukreni huma lesti li jkomplu l-ġlieda kontra r-Russja, anke mingħajr l-appoġġ tal-Istati Uniti.

Wieħed għad irid jara kemm Ewropej se jibqgħu magħqudin flimkien magħna.

A?BARIJET TAL-KESE



[Il-KESE se jingħaqad mal-Kummissjoni biex jiddefendi s-soċjetà ċivili](#)

F'dibattitu ma' Michael McGrath, Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja, l-Istat tad-Dritt u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, il-KESE wissa dwar it-tentattivi li għaddejjin biex isikkta, jiskreditaw u jdgħajfu lil dawk li jiddefendu d-demokrazija, il-ġustizzja soċjali u d-drittijiet fundamentali, u esprima r-rieda tiegħu li jingħaqad mal-Kummissjoni biex jiproteġi s-soċjetà ċivili tal-Ewropa u jiġġielel il-polarizzazzjoni.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jinsab lest jaqdi rwol prattiku fl-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili futura, li l-Kummissjoni Ewropea qed tfejji biex issaħħaħ id-demokrazija u l-ispazju ċiviku u tgħaqqad komunitajiet mifrudin fl-UE kollha. L-attakki kontra l-gruppi tas-soċjetà ċivili u l-media indipendenti qegħdin dejjem jiżdiedu, u l-KESE ħa l-impenn li jrażżanhom u jgħin fil-protezzjoni tal-pedamenti ta' soċjetà ħielsa u miftuħa.

“Il-KESE jinsab sod fl-impenn tiegħu li jiddefendi, jipproteġi u jipprovdi l-mezzi lis-soċjetà ċivili. Bħala Dar is-Soċjetà Ċivili Ewropea, mhux se nkunu osservaturi passivi. Se nreġġgħu lura b'mod attiv it-tentattivi li jdgħajfu l-ispazju ċiviku. Ser nippromovu appoġġ aktar b'saħħtu, protezzjoni aħjar u rikonossiment akbar tar-rwol tas-soċjetà ċivili fit-tisħiħ tad-demokraziji tagħna,” enfasizza l-President tal-KESE **Oliver Röpke** fis-sessjoni plenarja tal-KESE fis-27 ta' Marzu, li fiha sar dibattitu ta' livell għoli mal-Kummissarju **McGrath** dwar id-depolarizzazzjoni tas-soċjetajiet.

Is-Sur Röpke qal li l-NGOs u l-movimenti fil-livell taċ-ċittadini qed jitħabtu dejjem aktar kontra rigress demokratiku, leġiżlazzjoni restrittiva, kampanji ta' malafama u kawżi strateġiċi li huma maħsuba biex isikkta d-dissens u huma parti minn sforz usa' biex jiskreditaw u jdgħajfu lil dawk li jippromovu d-demokrazija, il-ġustizzja soċjali u d-drittijiet fundamentali.

B'referenza għall-akkużi reċenti li saru minn ċerti MEPs kontra NGOs ambjentali, is-Sur Röpke wissa li huwa partikolarment allarmanti li l-attakki mhumieħ ġejjin bissa minn barra l-istituzzjonijiet tagħna: f'ċerti każijiet, kienu ġejjin minn ġewwa.

Il-Kummissarju McGrath qal li l-KESE kien f'pożizzjoni unika biex jagħti kontribut siewi ħafna għall-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ id-demokrazija u tnaqqas il-firdiet fis-soċjetà. Huwa kien tal-fehma li l-aħjar mod biex tiġi indirizzata l-polarizzazzjoni kien billi l-Ewropej jingħataw il-mezzi u jħossuhom rappreżentati: “Jekk niksbu dan, jirnexxielna nqarrbu l-komunitajiet, is-soċjetajiet u l-Unjoni tagħna lejn xulxin. Aħna nafu li, nagħmlu x'nagħmlu, l-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili se jibqa' wieħed kruċjali.”

L-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili l-ġdida, imħabbra fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025, se tappoġġja, tiproteġi u tagħti l-mezzi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

Id-dibattitu fil-plenarja ppreżenta wkoll il-punti ewlenin mill-[Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili](#) 2025 tal-KESE, li saret taħt l-istrixxun “*It-tisħiħ tal-koeżjoni u l-parteċipazzjoni f'soċjetajiet polarizzati*”. Il-kelliema inkludew lil **Brikena Xhomaqi**, kopresident tal-Grupp ta' Kuntatt li ppreżentat it-talbiet ewlenin tal-Ġimgħa, lir-rebbieħ tal-Premju għas-Soċjetà Ċivili **Richard Vaško** mill-Assoċjazzjoni tad-Dibattitu Slovakka, u lill-attivista taż-żgħażaġħ **Kristýna Bulvasová**, li ppreżentat ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin mill-avveniment annwali taż-żgħażaġħ tal-KESE, [L-Ewropa Tiegħek, Leħnek \(YEYS\)](#). (II)



Il-KESE j?e??e? programm ta' ?idma tal-UE aktar ambizzju? u inklu?iv

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) talab li l-Programm ta' Hídma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2025 - li jistabbilixxi l-prijoritajiet leġiżlattivi u ta' politika tal-UE - jiffoka fuq ir-reżiljenza ekonomika, il-ġustizzja soċjali u s-sostenibbiltà.

F'dibattitu plenarju mal-Kummissarju għall-Ekonomija u għall-Produttività, Valdis Dombrovskis, il-KESE - li jaqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-programm ta' hídma - afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jgħin fl-iżvilupp ta' aġenda li tindirizza l-isfidi urgēti waqt li tibni Unjoni Ewropea aktar inklużiva u li tħares 'il quddiem.

F'Diċembru 2024, il-KESE ppreżenta l-[kontribut għall-programm ta' hídma](#) bit-tema Nimxu 'l quddiem flimkien: Unjoni aktar kuraġġuża, sempliċi u rapida. Din il-viżjoni tfittex li tindirizza l-isfidi ekonomiċi u ġeopolitiċi tal-UE b'mod dirett. Kull sena, permezz ta' konsultazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet estensivi, il-KESE jirfina l-[programm ta' hídma](#) biex jiżgura li dan jaqdi bl-aħjar mod liċ-ċittadini u lin-negozji Ewropej.

Il-President tal-KESE **Oliver Röpke** laqa' l-kollaborazzjoni qawwija mal-Kummissjoni Ewropea. Waqt li rrikonoxxa l-isforzi tal-Kummissjoni, huwa appella għal approċċ aktar ambizzjuż u inklużiv. Huwa qal, "Aħna nibqgħu impenjati li nsawru politiki li jippromovu l-istabbiltà ekonomika, l-ekwità soċjali u l-valuri demokratiċi."

Is-Sur Dombrovskis afferma mill-ġdid li l-programm ta' hídma tal-Kummissjoni għall-ħames snin li ġejjin għandu l-għan li jagħti spinta lis-sigurtà u l-kompetittività ekonomika. Huwa qal, "Li nieħdu azzjoni biex innaqqsu l-burokrazija huwa element importanti fil-bini ta' din l-Ewropa aktar kompetittiva. L-aġenda tagħna ta' semplifikazzjoni hija li niżguraw li r-regoli tagħna jgħinu - u mhux jimpedixxu - l-għanijiet ekonomiċi, soċjali, ambjentali u ta' sigurtà tagħna."

Prijoritajiet ewlenin għall-2025

Tkabbir ekonomiku u kompetittività

Il-programm ta' hídma jiffoka fuq ir-riformi strutturali, il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) il-ġdid u swieq kapitali aktar b'saħħithom. Il-KESE jirrakkomanda approċċ usa' għar-reżiljenza ekonomika, l-indirizzar tat-tkabbir kajman, il-kriżi tal-għoli tal-ħajja u ż-żieda fl-inċertezza ġeopolitika.

Regolamentazzjoni aktar intelligēti, mhux sempliċement imnaqqsa

Il-KESE jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi, imma jwissi li s-semplifikazzjoni regolatorja m'għandhiex issir a skapitu tal-protezzjoni soċjali jew tal-istandards ambjentali.

Nixprunaw l-innovazzjoni u l-investment

B'enfasi qawwija fuq in-networks diġitali, l-IA u t-teknoloġiji kwantistiċi, il-programm ta' hídma jagħti priorità lit-tmexxija teknoloġika tal-UE. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni toħloq kundizzjonijiet li jipprevjenu l-ħruġ ta' kapital u li jrawmu l-investment fit-tul fl-Ewropa.

Ewropa aktar ġusta u aktar ekoloġika

Il-programm ta' ħidma għandu l-għan li jsaħħaħ is-sostenibbiltà soċjali u ambjentali waqt li jindirizza sfidi bħan-nuqqas ta' ħiliet, is-sigurtà tal-ikel u l-finanzi sostenibbli. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' politiki li jippromovu l-koeżjoni soċjali u tranżizzjoni diġitali ġusta.

Tħejjija għat-tkabbir u l-futur

Hekk kif l-UE qed titthejja għal tkabbir potenzjali wara l-2028, il-programm ta' ħidma jiddeskrivi l-pjani għall-istabbiltà finanzjarja u politika. Il-KESE jinsisti li l-perspettivi tas-soċjetà ċivili jridu jiġu integrati biex jiġi żgurat li l-politiki jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Ewropej kollha. (tk)



Il-viżjoni l-ġdida tal-UE g'all-agrikoltura hija pass inkora??anti 'l quddiem biex il-bdiewa ji?u protetti

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) laqa' l-["Viżjoni għall-Agricoltura u l-Ikel"](#) il-ġdida tal-Kummissjoni Ewropea, pjan direzzjonali ta' riforma li għandu l-għan li jsaħħaħ il-pożizzjonijiet tal-bdiewa u jibni sistemi tal-ikel sostenibbli.

Madankollu, il-KESE jħeġġeġ ambizzjoni akbar fil-Politika Agrikola Komuni (PAK).

Il-viżjoni, diskussa fil-plenarja tal-KESE fis-27 ta' Marzu, tinkludi miżuri biex jagħtu spinta lis-setgħa ta' negozjar tal-bdiewa, iżidu t-trasparenza tal-katina tal-provvista, u jtejbu d-djalogu dwar il-politika tal-ikel. Il-Kummissarju tal-UE għall-Agricoltura, **Christophe Hansen**, iddeskriviha bħala "rispons immirat għal sejħiet għal settur agroalimentari kompetittiv, ġust u reżiljenti," u enfasisza l-importanza ta' ħidma mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluża s-soċjetà ċivili.

Il-President tal-KESE, **Oliver Röpk**e, innota li l-viżjoni tirrifletti ħafna mill-prijoritajiet tal-KESE. Huwa qal li din "tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-atturi agroalimentari kollha fl-iżgurar tas-sostenibbiltà u l-kompetittività", u żied jgħid li r-rakkomandazzjonijiet tal-KESE, f'ċerti oqsma, marru lil hinn mill-proposti tal-Kummissjoni.

Il-membri tal-KESE laqgħu l-inizjattivi biex jissaħħu r-rwoli tal-produtturi fin-negozjar u l-kuntratti. "Kuntratti bil-miktub bi klawżoli ta' negozjar mill-ġdid se jagħtu spinta lit-trasparenza u s-setgħa ta' negozjar tal-bdiewa," qal **Stoyan Tchoukanov**, relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar [Emenda għar-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq \(OKS\)](#) dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-produtturi fin-negozjar u l-konklużjoni tal-kuntratti.

Il-Kummissjoni qed tippjana wkoll li ssaħħaħ il-kooperazzjoni fis-sistema tal-ikel kollha, waqt li tippromovi produzzjoni sostenibbli u dieti aktar tajbin għas-saħħa. **Emilie Prouzet**, relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar [Regoli ġodda dwar l-infurzar transfruntier kontra prattiki kummerċjali inġusti](#), tqis dan bħala l-ewwel pass biex il-bdiewa jingħataw appoġġ u fl-istess waqt tiġi evitata l-inċertezza legali.

Il-viżjoni tinkludi impenn għal sistema ġdida ta' ġestjoni tar-riskju u tal-kriżijiet fl-UE kollha, li tallinja mal-appelli tal-KESE għal għodod aktar b'saħħithom biex jindirizzaw ix-xokkijiet ambjentali, tas-suq u dawk

relatati mal-klima. Hija mistennija wkoll strateġija futura għat-tiġdid ġenerazzjonali, li tappoġġja lill-bdiewa żgħażaġh fl-aċċess għall-art, il-ħiliet ta' investiment u l-infrastruttura rurali.

Minkejja appoġġ wiesa', għad hemm tħassib. Il-parteċipanti fid-dibattitu nnotaw l-isfidi fid-diskussjoni tar-riforma tal-PAK ta' wara l-2027 fin-nuqqas ta' ċarezza dwar il-baġit tal-UE li jmiss. Il-KESE jappella wkoll għal infurzar aktar b'saħħtu tal-kundizzjonalitajiet soċjali, u jwissi li l-viżjoni ma tindirizzax bis-sħiħ kwistjonijiet bħall-konċentrazzjoni tas-suq u l-ispekulazzjoni finanzjarja li jaffettwaw il-prezzijiet tal-ikel.

Il-KESE afferma mill-ġdid ir-rwol tiegħu bħala msieħeb ewlieni biex il-viżjoni tal-Kummissjoni tiġi trasformata f'politika. Huwa wiegħed kollaborazzjoni kontinwa biex jiġi żgurat li l-interessi tal-bdiewa, tal-produtturi, tal-ħaddiema u tal-konsumaturi jiġu rispettati fit-tfassil tal-futur tal-agrikoltura tal-UE. (ks)



Il-Patt Ewropew g'all-Oċeani jista' jwassal g'al ekonomija blu sostenibbli?

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) [approva](#) l-Patt Ewropew għall-Oċeani, u ħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li dan isir qafas robust għal azzjoni - mhux biss dikjarazzjoni ta' intenzjoni.


Il-Patt irid jallinja mal-politiki eżistenti tal-UE bħall-Patt Ekoloġiku, l-Istrateġija dwar l-Ekonomija Blu u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u fl-istess ħin jibbilanċja t-tkabbir ekonomiku, il-protezzjoni ambjentali u l-ġustizzja soċjali.

It-tibdil fil-klima, it-tniġġis u s-sajd żejjed ipoġġu l-oċeani u l-komunitajiet kostali f'riskju. Il-Patt għandu l-għan li jtejjeb il-governanza, jagħti spinta lill-innovazzjoni u jippromovi ekonomija blu sostenibbli. Konsultazzjoni pubblika reċenti kif ukoll il-kontribut tas-soċjetà ċivili jirriflettu appoġġ dejjem akbar għal miżuri kuraġġużi u inklużivi.

Javier Garat Pérez, ir-relatur tal-Opinjoni, enfażizza li l-komunitajiet kostali fl-UE qed jiffaċċjaw għadd ta' sfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali interrelatati. Biex niffaċċjaw dawn l-isfidi, jeħtieġ li nippromovu ekonomija blu sostenibbli u kompetittiva (li tinkludi s-sajd u l-akkwakultura), inżommu oċean b'saħħtu, reżiljenti u produttiv, u naħdmu fuq aġenda komprensiva għall-għarfien, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-investiment tal-baħar.

Il-KESE jappella għal governanza semplifikata fost l-aġenziji tal-UE, ippjanar marittimu mtejjeb u investiment fir-riċerka permezz ta' programmi bħal Orizzont Ewropa. Jirrakkomanda wkoll pjan ta' azzjoni għall-ikel "blu", il-bini sostenibbli ta' bastimenti u tranżizzjoni ġusta għall-ħaddiema fis-settur marittimu. L-appoġġ għall-wirt kostali u l-involviment taż-żgħażaġh huwa essenzjali.

Biex il-Patt jirnexxi, hemm bżonn ta' rieda politika qawwija, finanzjament u responsabbiltà. Jekk jiġi implimentat kif suppost, l-Ewropa tista' tkun mexxejja globali fil-qasam tas-sostenibbiltà tal-oċeani, u b'hekk jiġu żgurati r-reżiljenza ekoloġika kif ukoll opportunitajiet ekonomiċi. (ks)



Bibien miftu?a, da?qa fuq fommna – Wasal Jum l-Ewropa u ninsabu lesti li nilqg?uk!

Fl-10 ta' Mejju, idħol fil-qalba u d-dar tas-soċjetà ċivili organizzata Ewropea fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, fil-bini Jacques Delors, Rue Belliard 99, 1040 Brussell.

Jum l-Ewropa ta' din is-sena huwa aktar speċjali hekk kif qed niċċellebraw il-**75 anniversarju tad-Dikjarazzjoni ta' Schuman**, il-pedament storiku tal-għaqda u l-kooperazzjoni Ewropea. F'din l-okkażjoni hekk importanti, il-KESE jiftaħ il-bibien tiegħu għal jum sħiħ ta' attivitajiet interattivi, informattivi u ta' divertiment u għal żjara ta' skoperta. Għal dawk li huma entużjasti dwar il-politika u għal imħuħ żgħażaġħ kurjużi, hemm xi ħaġa għal kulħadd.

Iġbor it-timbri matul iż-żjara ta' skoperta tal-KESE:

- Ipparte?ipa fi sfidi divertenti fl-**istands tematiċi** kollha.
- I?bor timbru f'kull stand fuq il-passaport spe?jali.
- Irritorna l-passaport komplut tieġ?ek u **ikseb il-premju speċjali tiegħek!**

Titlifix l-opportunità li tiltaqa' u titkellem mal-President tal-KESE Oliver Röpke fi stand speċjali!

Huwa se jkun hemm biex jilqa' lill-viżitaturi, iwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek u jaqsam il-viżjoni tiegħu għas-soċjetà ċivili Ewropea – opportunità unika biex tiltaqa' direttament mat-tmexxija tal-KESE.

Għal aktar divertiment se jkun hemm ukoll:

- karikaturista li jpin?i **karikatura ta' wiċċek**;
- **rokna ta' animazzjoni għat-tfal**;
- **kabina fotografika** divertenti;
- **rota tal-fortuna** mimlija sorpri?i;
- u **simulazzjoni tal-votazzjoni f'ħin reali** fejn tista' tid?ol fi?-?arbun ta' membru tal-KESE!

Barra minn hekk, skopri kif **is-sezzjonijiet u l-gruppi** tagħna jgħinu fit-tfassil tal-politika u l-valuri tal-UE.

Ejjew niċċelebraw l-ideat li jgħaqqdu lill-Ewropa. Ejja ma' sħabek, ma' familtek jew anke waħdek – iżda **MHUX TA' MIN JITLIFHA!**

Din hija ħafna aktar minn sempliċi żjara - idħol kurjuż u oħroġ ispirat!

Għal aktar informazzjoni dwar il-firxa sħiħa ta' attivitajiet fil-KESE f'Jum l-Ewropa żur is-sit web: [Ingħaqad magħna għal Jum l-Ewropa fl-10 ta' Mejju! | KESE](#).

#EuropeDay (kk)



Ni??luha fid-djarju: il-?img?a Ekolo?ika tal-UE fi Brussell f'?unju

Il-Ġimgħa Ekoloġika tal-UE, li se ssir bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju, se tkun iddedikata għal Ewropa nadifa, kompetittiva u ċirkolari.

Il-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari, l-inizjattiva ewlenija tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u l-Kummissjoni, hija kburiya li torganizza b'mod konġunt il-[Ġimgħa Ekoloġika tal-UE 2025](#), b'enfasi fuq soluzzjonijiet ċirkolari għal UE kompetittiva. Il-konferenza ta' din is-sena se tindirizza kif l-ekonomija ċirkolari tista'

ttejjeb il-kompetittività sostenibbli, tnaqqas l-iskart, u tixpruna l-innovazzjoni. Mit-3 sal-4 ta' Ġunju se jiġu organizzati dibattiti ta' livell għoli biex jiġu analizzati l-aspetti ta' politika taċ-ċirkolarità, u mbagħad, fil-5 ta' Ġunju, se jkun hemm diskussjonijiet fil-fond mal-partijiet ikkonċernati dwar il-potenzjal taċ-ċirkolarità għal Ewropa effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva.

L-avveniment se jkun ukoll l-okkażjoni biex jiġi ppreżentat ir-rapport tad-[djalogu tal-partijiet ikkonċernati](#) li sar fl-10 ta' April fil-KESE. Dan l-avveniment preparatorju għall-konferenza kien l-opportunità għall-partijiet ikkonċernati biex ikollhom diskussjonijiet vivaċi dwar il-Patt għal Industrija Nadifa, l-istrateġija dwar il-bijoeconomija, u l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari li jmiss.

Tistgħu tirreġistraw għall-konferenza tal-Ġimgħa Ekoloġika tal-UE [hawnhekk](#). (ac)

A?BARIJET MILL-GRUPPI



L-Ewropa te?tie? setg?a finanzjarja biex til?a l-ambizzjonijiet tag?ħa

Minn Antonio García Del Riego, membru tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE

L-Ewropa tinsab f'mument kritiku hekk kif qed tiffaċċja sfidi storiċi, mit-tranżizzjoni ekoloġika għall-gwerra fuq l-għatba tagħha kif ukoll kompetizzjoni globali dejjem aktar intensa. Biex jintlaħqu dawn l-isfidi id-dikjarazzjonijiet ta' politika mhumieq biżżejjed. Hemm bżonn ammont ta' flus u l-kapaċità li jiġi mobilizzat, iddireġiet u mmultiplikat. Fil-qosor, dan jeħtieġ sistema finanzjarja b'saħħitha, kompetittiva u awtonoma. Sfortunatament, mhuwix dan li għandna.

Il-finanzi huma l-fluss ta' poter ta' kwalunkwe ekonomija moderna. Kull fabbrika ġdida, kull vettura elettrika ġdida, kull espansjoni ta' sptar jew kull impriża start up ta' teknoloġija nadifa jiddependu minn xi ħadd li jieħu r-riskju li jiffinanzjahom. U fl-Ewropa, dak ix-"xi ħadd" ta' spiss ikun bank. L-SMEs, li jammontaw għal 99 % tal-kumpaniji tal-UE, jiddependu ħafna mill-kreditu bankarju biex jikbru, jinvestu u jesportaw. Madankollu, l-istituzzjonijiet infushom li jiffurmaw il-qalba tal-ekosistema ta' finanzjament tagħna jinsabu f'riskju li jiġu megħluba u rregolati żżejjed.

L-Ewropa spiss titkellem dwar l-"awtonomija strateġika" fl-enerġija, id-difiża u l-infrastruttura diġitali, iżda l-awtonomija finanzjarja rarament tkun parti mill-konverżazzjoni. U din għandha tkun.

Illum, erba' banek Amerikani biss huma responsabbli għal aktar minn 60 % tal-attivitajiet bankarji ta' investiment fl-Ewropa. Ir-regoli futuri ta' Basel IV se jiġu applikati bis-siġħ fl-UE, iżda mhux fl-Istati Uniti, fir-Renju Unit, jew fil-Ġappun. Din l-asimmetrija tpoġġi l-banek Ewropej fi żvantaġġ kompetittiv. Jekk irridu li l-banek Ewropej jiffinanzjaw it-tranżizzjonijiet doppji u jappoġġaw setturi strateġiċi, dawn iridu **jikkompetu fuq l-istess livell**.

L-**Unjoni tas-Swieq Kapitali** trid tmur lil hinn mir-retorika u ssir suq uniku ġenwin għat-tfaddil u l-investimenti. Biex naslu hemm, neħtieġu **regolamentazzjoni intelliġenti, proporzjonata u abilitanti** li tipproteġi l-istabbiltà u l-konsumaturi, iżda li **twassal ukoll għal tkabbir u kompetittività**. Dan ifisser:

- proporzjonalità;
- newtralità teknoloġika; u
- regoli bba'ti fuq ir-riżultati.

L-Ewropa ma tistax tkun inġenwa. F'dinja msawra dejjem aktar mill-politika tal-poter u l-blokk ekonomiki, **is-saħħa finanzjarja hija s-sovranià**. L-Istati Uniti u ċ-Ċina jifhmu dan il-kunċett. U aħna għandna nagħmlu l-istess.



[Tariffi, di-informazzjoni u kaos: x'inhu ?ej issa g? all-Ewropa?](#)

Mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

"Huwa impossibbli li xi ħadd jigdeb ħlief meta jidhirlu li jaf il-verità. Imma l-affarijiet bla sens li jsiru ma jsegwux din il-konvinzjoni." *On Bullshit*, tal-filosofu Harry G. Frankfur, jinħass partikolarment rilevanti wara dak li ssejjaħ bħala 'Jum il-Ħelsien' ilbieraħ f'Washington.

Fit-2 ta' April, il-President tal-Istati Uniti ħabbar tariffa fissa tal-importazzjoni ta' 10 % għal kulħadd, minbarra t-tariffi speċifiċi għall-"aġar trasgressuri". Ġiet esebita lista ta' trasgressuri bħal dawn, li turi ċifri għal "tariffi reċiproċi" fuq pajjiżi oħra, u tinkludi 20 % għall-UE. Jidher ċar li l-president ma wera ebda tħassib għall-fatt li dawn iċ-ċifri huma fil-biċċa l-kbira bla sens u [ċertament ma jallinjawx ma' xi definizzjoni](#)

[adegwata ta' tariffi reċiproċi](#). Lanqas ma kien ta' tħassib għalih il-fatt li [d-defiċit tal-kummerċ fis-servizzi tal-UE](#) kważi jibbilanċja l-kummerċ globali bejn iż-żewġ blokko. Wara kolloxx, il-preċiżjoni qatt ma kienet argument.

Aħna u deħlin fi gwerra kummerċjali ġdida bbażata fuq affarijiet bla sens, x'għandhom jistennew in-nies? Inflazzjoni ogħla, inċertezza tas-suq u impatt fuq l-industrija Ewropej. Wieħed għad irid jara jekk hemmx xi ħaġa li se tkun ta' benefiċċju għall-ħaddiema tal-Istati Uniti.

Lil hinn mit-tariffi, l-UE jeħtiġilha tipproteġi lill-ħaddiema u l-impjeggi tagħha, waqt li ttaffi l-impatti inizjali, mhux biss minħabba t-tariffi, iżda wkoll minħabba l-inċertezza kkawżata mill-arbitrarjetà tagħhom. Dan ifisser li għandna nattivaw mill-ġdid id-domanda interna tagħna u niżguraw li l-ġid jitqassam mill-ġdid u jintuża b'mod effettiv.

Ifisser ukoll il-protezzjoni u l-investiment fl-industrija u s-setturi ewlenin tagħna, id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija, l-indirizzar tal-kriżi tal-għoli tal-ħajja, u r-riforma tal-UE biex it-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha jsir effettiv. Soċjetà b'saħħitha u reżiljenti hija l-unika ħaġa li ma tħallix ifiġġu Trumps oħrajn madwar il-kontinent. L-imsieħba soċjali huma parti ewlenija minn soċjetà bħal din. Wieħed mill-għedewwa ħorox tad-duo Musk-Trump huma t-trejdjunjins, u bir-raġun.



[Is-sistemi tal-protezzjoni soċjali tal-Ewropa jinsabu ta't pressjoni: Ir-Rapport dwar il-Faqar tal-2024 jo'ro? fid-dieher l-isfidi attwali](#)

Mill-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE

Fit-8 ta' April, in-Network Ewropew Kontra l-Faqar (EAPN) nieda l-aħħar [Rapport tiegħu dwar il-Faqar](#), intitolat *Lejn approċċ*

sistemiku għall-protezzjoni soċjali.

Ir-rapport, ippreżentat għall-ewwel darba f'[avveniment](#) koorganizzat mal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE fi Brussell, jindirizza l-isfidi li jeħtieġ jingħelbu biex jiġu żgurati sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom u reżiljenti. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest attwali, hekk kif l-istati soċjali tal-UE qed iħabbtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet finanzjarji dejjem akbar minħabba l-limitazzjonijiet fl-infiq nazzjonali u l-infiq li qed jiżdied fuq id-difiża u s-sigurtà.

Ir-rapport, abbażi tas-sejbiet minn 19-il organizzazzjoni nazzjonali membri tal-EAPN, juri li l-kisba ta' approċċ sistemiku għal protezzjoni soċjali komprensiva u effettiva teħtieġ politiki inkorporati fi strateġiji integrati u fit-tul li jallinjaw id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Dawn il-politiki jridu jkunu bbażati fuq evidenza soda, data u l-parteċipazzjoni sinifikanti tal-persuni li jesperjenzaw il-faqar.

In-networks nazzjonali tal-EAPN qed jesprimu tħassib dwar it-tnaqqis fl-infiq soċjali. Barra minn hekk, l-indikaturi bħal-livelli għoljin ta' benefiċċji soċjali li mhux jintużaw qed ikomplu jqajmu tħassib dwar l-effiċjenza tal-politiki li mhux jilħqu lil dawk li jeħtieġu l-benefiċċji soċjali u li huma eliġibbli għalihom.

Skont ir-rapport, ir-rispons għal dinja li qed tinbidel malajr ikkaratterizzata mid-diġitalizzazzjoni, il-gwerra, it-tixjiħ tal-popolazzjoni u t-tibdil fil-klima ma kienx adegwat, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi stabbilit mill-ġdid approċċ sistemiku għall-politiki soċjali.

Juliana Wahlgren, direttur tal-EAPN, enfazzat l-urġenza tal-kwistjoni, u qalet: “Jeħtieġ li l-UE tħares l-istat soċjali u tipprijoritizza l-infiq soċjali. Għal dan l-għan, ir-Rapport dwar il-Faqar jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar l-introjt minimu, il-kriżi tal-akkommodazzjoni u t-tranżizzjoni tal-enerġija, fost affarijiet oħra. L-effiċjenza u l-adekwatezza huma essenzjali. Is-sena d-dieħla, il-Kummissjoni Ewropea se tniedi l-istrateġija tal-UE kontra l-faqar, iżda din tista’ tirnexxi biss jekk l-Istati Membri jadottaw approċċ tabilħaqq sistemiku għall-protezzjoni soċjali. B’aktar minn 20 % tal-popolazzjoni tal-UE f’riskju ta’ faqar, ma nistgħux nibqgħu sejrin b’politiki frammentati – il-protezzjoni soċjali trid tkun b’saħħitha, ikkoordinata u effettiva.”

Séamus Boland, il-President tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, qal: “Biex neqirdu l-faqar, l-Istati Membri kollha jridu jaħdmu bla heda. Ħafna mill-faqar esperjenzat fl-UE huwa interġenerazzjonali u jista’ jaffettwa ħajjet it-tfal u l-anzjani b’mod partikolarment iebes. Fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-akkommodazzjoni u l-enerġija bi prezz għoli, għandhom jiġu introdotti miżuri speċjali li jindirizzaw id-dgħufijiet tas-sistema. Jekk mhux se jsir hekk, l-UE bħala entità politika se tbat biex tikseb il-fiduċja taċ-ċittadini tagħha.”

Krzysztof Balon, Viċi President tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, u relatur tal-[Opinjoni tal-KESE](#) dwar l-ewwel strateġija tal-UE kontra l-faqar li qatt saret, u li tħabbret fil-[Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2024-2029](#), qal: “Strateġija tal-UE kontra l-faqar trid tibni fuq l-esperjenzi taċ-ċittadini li qed iħabbtu wiċċhom mal-faqar u tindirizza l-ħtiġijiet tagħhom. Għandha tappoġġja wkoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tinvolvihom fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta’ proġetti u miżuri adegwati għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali.”

L-Opinjoni tal-KESE se tiġi ppreżentata fis-[sessjoni plenarja tal-KESE](#) tas-16 u s-17 ta’ Lulju.

SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS



[Il-ħin għa tas-Soċjetà Ċivili 2025: is-soċjetà ċivili hija kruċjali għad-depolarizzazzjoni tal-Ewropa](#)

**Il-piż tat-tisħiħ tal-koeżjoni għad-depolarizzazzjoni tas-soċjetajiet
jaq’ fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li għandhom is-
saħħa u l-motivazzjoni biex jipproteġu l-ispazji ċiviċi u demokratiċi. Dan kien il-messaġġ ewlieni
mill-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili, ospitata għat-tieni sena mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali
Ewropew (KESE) biex tiġi diskussa x-xejra allarmanti ta’ polarizzazzjoni mifruxa madwar is-
soċjetajiet tal-UE.**

Aktar minn 800 persuna, inklużi rappreżentanti minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, NGOs u gruppi taż-żgħażaġħ, kif ukoll partijiet ikkonċernati u ġurnalisti, inġabru fil-KESE mis-17 sal-20 ta’ Marzu f’ġieħ il-[Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili](#) biex jaqsmu l-fehmiet tagħhom u jiddiskutu kif jistgħu jissaħħu l-koeżjoni u l-parteċipazzjoni f’soċjetajiet polarizzati.

Il-ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili ospitat 14-il sessjoni organizzati mill-membri tal-Grupp ta' Kuntatt tal-KESE u l-imsieħba ta' Jum l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) , inkluża ċ-ċerimonja tal-ġhoti tal-Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili. Il-parteċipanti fasslu sett komprensiv ta' [passi azzjonabbli u talbiet ewlenin](#) għal soċjetajiet aktar koeżivi, inkluż:


- it-tis?i? tal-koe?joni permezz tal-edukazzjoni u l-kultura;
- il-provvediment ta' akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli;
- it-tis?i? tal-parte?ipazzjoni pubblika permezz tal-I?E;
- l-i?gurar ta' tran?izzjoni ?usta inklu?iva u tkabbir ekolo?iku blu;
- il-bini ta' strate?ija Ewropea b'sa??itha g?as-so?jetà ?ivili;
- it-tis?i? tal-appo?? u l-finanzzjament g'all-organizzazzjonijiet tas-so?jetà ?ivili;
- l-involviment ta?-?g?a?ag? fit-tiswir ta' Ewropa aktar b'sa??itha u aktar re?iljenti;
- ting?ata spinta lill-innovazzjoni u t-teknolo?ija g'all-?id komuni.

Fis-sessjoni tal-ġheluq, il-President tal-KESE **Oliver Röpke** qal: “Aħna u nikkonkludu din it-tieni edizzjoni tal-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili, ninsab ispirat profondament mill-enerġija, ir-reżiljenza u l-impenn tal-atturi tas-soċjetà ċivili minn madwar l-Ewropa. Din il-ġimgħa wriet li meta tinġabar flimkien is-soċjetà ċivili, nistgħu nsawru soluzzjonijiet li jsaħħu d-demokrazija tagħna, irawmu l-koeżjoni soċjali u jibnu Ewropa li verament taħdem għan-nies tagħha.”

Mill-Kummissjoni Ewropea, **Henna Virkkunen**, Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija, enfasizzat ir-rwol kruċjali li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom fin-navigazzjoni tas-soċjetajiet bl-użu tal-valuri Ewropej ewlenin.

Victor Negrescu, Viċi President tal-Parlament Ewropew, għamel sejħa qawwija għal azzjoni, u talab lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili juru s-saħħa tagħhom u jirreaġixxu għar-retorika aggressiva: “Neħtieġu soċjetà ċivili b'saħħitha u sħubija reali bejn is-soċjetà ċivili u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet sabiex nibnu b'mod konġunt fuq soċjetà konsistenti b'impatt reali fuq il-ħajja tan-nies.”

Rappreżentanti mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili enfasizzaw li s-soċjetajiet ċivili huma aktar minn fornituri ta' servizzi; huma parti essenzjali mid-demokrazija u l-parteċipazzjoni. **Nataša Vučković**, Segretarju Ġenerali fil-Fondazzjoni taċ-Ċentru għad-Demokrazija tas-Serbja, esprimiet l-ottimiżmu tagħha li s-soċjetà ċivili jista' jkollha rwol vitali fil-ġlieda kontra l-kawżi ewlenin u t-tixrid ta' narrattivi antidemokratiċi u anti-Ewropej, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi kandidati. Dan jista' jsir billi l-Unjoni Ewropea tiġi dekodifikata u billi jiġi żgurat li l-benefiċċji tagħha jilħqu liċ-ċittadini kollha fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. (at)



Dijanjo?i g?all-Ewropa: Il-prekarjetà u n-nuqqas ta' sigurtà huma n-normalità l-?dida

Is-soċjetajiet tagħna qed jittieklul mill-marda inviżibbli tal-prekarjetà li tinħass kullimkien, fejn iċ-ċittadini jħossuhom imneżżgħa minn kull setgħa u jiddependu minn forzi li m'għandhomx kontroll fuqhom, qalet Albena Azmanova, professur universitarju u awtriċi rebbieħa ta' diversi premjijiet, li matul il-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE għamlet diskors inawgurali qawwi. F'din l-intervista għall-KESE Info, hija tispjega l-kawżi ewlenin ta' din l-epidemija, inkluża t-tendenza li tingħata prijorità lill-ugwaljanza a skapitu tal-istabbiltà ekonomika.

Fid-diskors inawgurali tiegħek matul il-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili, tkellimt dwar l-epidemija tal-prekarjetà, li kienet l-għerq tad-deterjorament tal-libertajiet politiċi. Inti ddeskrivejtha bħala marda inviżibbli li qed tnissel il-ġenn. Tista' tgħidilna aktar dwar xi trid tfisser b'“epidemija tal-prekarjetà”? X'qed iwassal għal dan?

Iċ-ċittadini qed iħossuhom dejjem aktar eżasperati, u l-imwiet minħabba d-disprament – speċjalment is-suwiċidji fuq il-post tax-xogħol – qed jiżdiedu f'soċjetajiet għonja. Din hija biss il-quċċata, u għalhekk l-aktar parti viżibbli, ta' ajsberg vast imma mistur ta' prekarjetà, xprunat min-nuqqas ta' sigurtà tal-għajxien tagħna. Mhuwiex biss il-fatt li n-nies huma rrabjati u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet politiċi qed tonqos, anke jekk dan huwa dak li nisimgħu ta' spiss. Li niddubitaw il-fiduċja jista' jkun pożittiv: iwassalna biex nitolbu r-responabbiltà. Ir-rabja tista' tkun produttiva: tista' tqanqal il-ġlieda għall-ġustizzja u twassal għal bidliet sinifikanti.

Il-marda attwali tas-soċjetajiet tagħna – dik li f'xogħli nsejnilha “prekarjetà li tinħass kullimkien”, hija differenti. Dan huwa tip speċjali ta' nuqqas ta' sigurtà, *dgħajfien tal-pożizzjoni* akut għax iċ-ċittadini jħossu li huma dipendenti minn forzi li ma għandhomx kontroll fuqhom.

Bħala individwi, nesperjenzaw il-prekarjetà meta *ma nlaħħqux* mal-kompiti bażiċi ta' ħajjitna. Is-sens li m'aħniex kapaċi nlaħħqu jnissel fina biża' ta' kollass, li nitilfu dak li għandna – xogħolna, dak li faddalna, il-kapaċità tagħna li naġixxu u niksbu riżultati, il-bilanċ psikofiżiku tagħna. Għalhekk l-inkwiet ma jirrigwardax sempliċement il-faqar jew l-inugwaljanza, iżda t-telf esperjenzat jew antiċipat, il-biża' ta' kollass. Dan huwa kif l-individwi jesperjenzaw il-prekarjetà.

Is-soċjetajiet jesperjenzaw il-prekarjetà bħala l-inkapaċità li jmexxu lilhom infushom u jimmaniġġjaw l-avversità. Ejja nieħdu l-COVID-19 bħala eżempju. Kif kien possibbli li s-soċjetajiet prosperi, distinti mill-eċċellenza xjentifika u avvanzati fil-livell istituzzjonali bħal tagħna, ippermettew li problema tas-saħħa pubblika, ikkawżata minn virus diġà magħruf u lanqas tant letali, tinbidel fi kriżi serja tas-saħħa segwita minn kriżi ekonomika u soċjali? It-tweġiba hija minħabba li l-gvernijiet tagħna kienu naqqsu l-investiment pubbliku, inkluż fil-kura tas-saħħa.

Hemm karatteristika oħra tal-prekarjetà. Din hija kkawżata minn *politiki speċifiċi*, mill-kombinazzjoni neoliberali ta' swieq ħielsa u ekonomiji miftuħa fejn id-deċiżjonijiet huma bbażati fuq il-profittabbiltà. Sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-istati individwali jew tal-UE fis-suq globali, bħala parti minn kompetizzjoni

globali għall-profitt, l-eliti taċ-ċentru xellug u taċ-ċentru lemin ġrew biex inaqqsu kemm is-sigurtà tal-impjegi (biex jippermettu lin-negozji jiksibu l-flessibbiltà li għamlithom kompetittivi) kif ukoll l-infiq fuq is-servizzi pubbliċi. Dan ifisser li kulħadd kellu aktar responsabbiltajiet iżda inqas riżorsi biex iwettaqhom. Qed nintalbu nagħmlu aktar, b'anqas.

Dan huwa eżempju wieħed: il-Kummissjoni Ewropea qed titlob lill-Istati biex jistinkaw aktar għall-ġustizzja soċjali, iżda qed titlobhom ukoll inaqqsu l-infiq. Dan l-ispariġġ bejn ir-responsabbiltajiet dejjem jikbru u r-riżorsi dejjem jonqsu joħloq sens ta' inċertezza u jqajjem dubji dwar il-kapaċità tagħna li nlaħħqu. Mhijiex it-tip ta' inċertezza pożittiva li tagħmilna ħerqana li nimirħu fid-dinja, nevalwaw l-għażliet li għandna quddiemna, li nieħdu r-riskji jew li nagħtu prova tagħna nfusna. Minflok, din hija biża' tossika, il-biża' li titlef l-għajxien tiegħek u l-antiċipazzjoni ta' ġejjieni aktar mudlam.

Fil-fehma tiegħek, x'inhil-kawża taż-żieda ta' mexxejja awtoritarji u partiti tal-lemin? Kif tivvaluta l-libertajiet demokratiċi u r-rispett għall-valuri ewlenin tal-UE fl-Ewropa llum?

Iż-żieda fl-appoġġ għall-mexxejja u l-partiti awtoritarji tal-lemin hija dovuta għal *prekarjetà* ġġenerata *politikament*. Iċ-ċittadini mhux iħossuhom sikuri, u għalhekk huma għatxana għas-sigurtà u l-istabbiltà; iħossuhom imneżżgħa minn kull setgħa, u għalhekk iduru lejn mexxejja b'saħħithom li jipprovdu stabbiltà immedjata b'ponn tal-ħadid. Pereżempju, dawn iżidu l-infiq militari u jagħtu spinta lis-setgħa tal-pulizija – l-istess kif se tagħmel l-UE dalwaqt.

Ir-raġunijiet għal dan kollu ġew stabbiliti aktar kmieni minn partiti ċentristi peress li għamlu s-soċjetajiet tagħna aktar prekarji għal raġunijiet neoliberali. Fil-fehma tiegħi, iċ-ċentru xellugi jgħorr responsabbiltà partikolari għal din is-sitwazzjoni diżappuntanti. Waqt li s-sejħa awtoproklamata tad-demokrazija soċjali hija l-ġlieda għall-ġustizzja, dan iffoka fuq il-ġlieda kontra forma waħda ta' inġustizzja: l-inugwaljanza. Sadanittant, dak li jixtiequ iċ-ċittadini huwa l-istabbiltà ekonomika: il-kapaċità li jimmaniġġjaw ħajjithom u jipplanaw il-ġejjieni tagħhom.

Aħseb ftit: jista' jkollna soċjetajiet perfettament ugwali, iżda mifnija mill-prekarjaretà – dan huwa 'l bogħod minn dak li nsejjaħ soċjetà prospera u b'saħħitha. Barra minn hekk, in-nies mhumieq neċessarjament ħerqana li jeqirdu l-inugwaljanza jekk dan ifisser li jiġu ttrattati bħala telliefa li jiġu kkompensati (u umiljati) b'sehem żgħir ta' ridistribuzzjoni: l-ewwel u qabel kollox ma jridux ikunu telliefa.

F'diskorsok, tkellimt ukoll dwar "l-Olimpjadi fost il-vittmi". Tista' tispjega x'inhil-dan il-kunċett u għaliex għandna nitbiegħdu minnu?

Matul dawn l-aħħar ħames deċennji, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ħadet is-sura ta' politika tal-identità. Gruppi li storikament sofrew diskriminazzjoni ġew ittrattati bħala "minoranzi protetti", u b'hekk ingħataw status oġġla permezz ta' miżuri ta' azzjoni affermattiva bħal promozzjonijiet immirati u sistemi ta' kwoti. Meta dan iseħħ f'kuntest ta' prekarjetà li tinħass kullimkien, fejn l-impjegi ta' kwalità tajba u riżorsi oħra huma skarsi, dawn il-gruppi protetti jibdeu jikkompetu għal dawn ir-riżorsi limitati. Fi klima bħal din, li tkun il-vittma jsir karta li tilgħabha xħin jaqbillek: aktar ma tkun kbira l-perċezzjoni li tkun vittma, aktar tkun b'saħħitha t-talba għall-protezzjoni.

Minn naħa, dan joħloq animożità bejn il-gruppi kompetituri, u b'hekk idgħajjef is-solidarjetà. Min-naħa l-oħra, ħadd minnhom ma jirbaħ tabilħaqq, għaliex jibqgħu vittmi. Wara kollox, il-fatt li tiġi vittimizzat u diskriminat huwa preċiżament dak li jimmotiva t-talbiet ta' dawn il-gruppi għall-protezzjoni. L-uniċi rebbieħa f'din il-kompetizzjoni diżgustanti għall-aċċess għar-riżorsi u l-protezzjoni speċjali huma l-eliti li jkomplu jistagħnew.

Ir-riżultat aħħari huwa li gruppi li m'għandhomx is-setgħa jiġġieldu kontra xulxin bħala għedewwa, waqt li l-protetturi tagħhom, l-eliti politiċi, jiksbu saħnsitra aktar setgħa minn dawn il-kunflitti.

Fid-dawl ta' dan kollu, għaliex is-soċjetà ċivili hija daqshekk importanti għall-preservazzjoni tad-demokrazija u l-libertajiet ċivili li ħafna minna jiħduhom bħala fatt? Għaliex is-soċjetà ċivili, u mhux l-elezzjonijiet demokratiċi, hija l-antidotu għall-abbużi tal-poter?

Meta nivvutaw, inkunu waħidna. Inħossu d-dgħajfien tal-pożizzjoni tagħna u l-frustrazzjonijiet tal-insigurtà b'mod akut, u nleħħnu din l-ansjetà bil-vot tagħna. Dan huwa l-orìġini taż-żieda ta' partiti reazzjonarji f'elezzjonijiet ħielsa u ġusti. Is-soċjetà ċivili hija mmexxija minn loġika differenti u għandha sors speċjali ta' poter: sens ta' appartenenza għal komunità. Meta nkunu flimkien ma' oħrajn, b'kawża komuni li tgħaqqadna lkoll, ma nkunux waħidna, inħossuna inqas prekarji, inqas dgħajfa, għax nistgħu nserrħu fuq l-appoġġ ta' sħabna. Ladarba l-prekarjetà tonqos, il-biża' tingħeleb u nkunu nistgħu naħsbu għall-ġejjieni, u b'aktar ambizzjoni.

Albena Azmanova hija Professur tax-Xjenza Politika u Soċjali f'City St George's, University of London u koeditur tal-ġurnal *Emancipations*. L-aħħar ktieb tagħha, *Capitalism on Edge* (2020) rebaħ ħafna premijiet, inkluż il-Michael Harrington Book Prize, li l-American Political Science Association tagħti lil xogħol eċċellenti li juri kif borża ta' studju tista' tintuża fil-ġlieda għal dinja aħjar.



L-importanza tal-?sieb kritiku

“Aħna ngħallmu lill-istudenti li l-fatti jridu jiġu vverifikati, iżda l-opinjonijiet għandhom jiġu diskussi b'rispett. Il-ħsieb kritiku ta' veru jirrispetta l-pluralità ta' fehmiet”, jgħid Richard Vaško mill-Assoċjazzjoni Slovakka tad-Dibattiti (SDA), rebbieħ tal-Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili dwar il-ġlieda kontra l-polarizzazzjoni

bl-inizjattiva “Critical Thinking Olympiad”. Richard, li l-proġett tiegħu rebaħ l-ewwel premju, tkellem magħna dwar l-Olympiad u għaliex it-tagħlim tal-ħsieb kritiku huwa kruċjali fid-dinja polarizzata u xprunata mid-diżinformazzjoni tal-lum.

Tista' tiddekrivi logħba waħda jew round wieħed tal-Critical Thinking Olympiad? Tista' tagħti eżempju ta' kompitu jew mistoqsija?

Fiċ-ċikli skolastiċi u reġjonali tal-Critical Thinking Olympiad, l-istudenti jieħdu sehem f'testijiet ta' minn siegħa sa sagħtejn, b'aċċess sħiħ għall-internet u għodod online ta' verifika tal-fatti, li fihom isolvu sensiela ta' kompiti. L-isfidi jiffukaw fuq il-litteriżmu medjatiku, id-detezzjoni tal-manipulazzjoni u l-preġudizzju, l-interpretazzjoni tad-data u tal-istudji, l-identifikazzjoni ta' fallaċji tal-loġika u l-formulazzjoni tal-argumenti tagħhom stess.

Pereżempju, f'ċiklu reċenti, l-istudenti ntalbu jiktbu argument dwar jekk “il-kameras tas-sigurtà għandhomx jiġu installati fl-iskejjel biex tiżdied is-sikurezza” – kwistjoni f'waqtha fid-diskors pubbliku Slovakk. Kompitu ieħor kien jobbligahom janalizzaw [vidjo virali ta' TikTok](#) li jippromovi teorija ta' komplott dwar Taylor Swift u jidentifikaw karatteristiċi tipiċi tal-ħsieb konspiratorju. Fit-tielet sfida, kellhom jiddeċiedu liema miż-żewġ

filmati kien [iġġenerat bl-IA](#) u liema kien [awtentiku](#).

It-[testijiet](#) preċedenti kollha huma disponibbli għall-pubbliku bis-Slovakk fuq www.okm.sk.

X'qed tipprovaw tiksbu b'din l-inizjattiva? X'ħeġġiġkom tibdew il-proġett?

L-għan tagħna huwa li ngħinu lill-istudenti fl-età meta jibdew jużaw il-media soċjali u jikkunsmaw kontenut diġitali biex jiżviluppaw il-ħiliet sabiex jinnavigaw dan l-ispazju b'mod kritiku, responsabbli u bi ħsieb. Permezz ta' feedback regolari wara kull ċiklu u permezz ta' korsijiet ta' tagħlim elettroniku disponibbli għat-tnejn, l-istudenti jiksibu drawwiet u għodod trasferibbli li jistgħu japplikaw fil-ħajja ta' kuljum. Fl-aħħar mill-aħħar, għandna l-għan li nrawmu ġenerazzjoni ta' żgħażaġh li huma infurmati, reżiljenti kontra d-diżinformazzjoni u kapaċi jmxu djalogu kostruttiv u bbażat fuq il-fatti.

Nedjna dan il-proġett b'rispons għal lakuna kritika fis-sistema edukattiva tagħna: il-litteriżmu medjatiku u l-ħsieb kritiku għadhom ferm sottorappreżentati fil-kurrikuli formali. Aktar minn nofs l-istudenti Slovakk qatt ma jtgħallmu kif jevalwaw jekk l-informazzjoni hijiex affidabbli. [16 %](#) biss taż-żgħażaġh Slovakk jivverifikaw regolarment l-informazzjoni mill-midja. B'riżultat ta' dan, [56 %](#) tal-popolazzjoni għandha t-tendenza li temmen teoriji ta' komplott jew gideb dirett. Ridna nibdlu dan billi nintroduċu azzjoni skalabbli u li tħalli impatt lill-iskejjel madwar il-pajjiż.

Għaliex taħseb li l-iżvilupp tal-ħsieb kritiku huwa daqshekk importanti fil-kuntest attwali? Għandna ċans nirbħu l-gwerra kontra l-aħbarijiet foloz?

L-aħbarijiet foloz dejjem eżistew f'xi forma, iżda issa qed ngħixu f'era ta' eċċess ta' informazzjoni bla preċedent. Bil-midja soċjali bħala s-sors primarju ta' informazzjoni għal ħafna żgħażaġh, kulħadd jista' jxerred faċilment id-diżinformazzjoni, il-miżinformazzjoni jew id-diskors ta' mibegħda. It-tagħlim dwar kif niffiltraw u nnavigaw dan ix-xenarju ta' informazzjoni kaotika sar ħila kruċjali għall-ħajja.

Madankollu, qatt mhu se "nirbħu" bis-sħiħ il-gwerra kontra l-aħbarijiet foloz – din hija mira li tiċċaqtaq, kostantament tevoli. Iżda dak li *nistgħu* nagħmlu huwa li ż-żgħażaġh jiġu mgħammra bl-għodod biex jorjentaw ruħhom aħjar f'dan l-ambjent, biex jistaqsu mistoqsijiet tajbin u biex jaħsbu qabel ma jixxerjaw informazzjoni.

Irċevejtu xi feedback dwar il-proġett tagħkom? Tista' tagħti eżempju?

Aħna niġbru feedback dettaljat wara kull ċiklu, u t-tweġibiet huma fil-biċċa l-kbira pożittivi. Pereżempju, 93 % tal-għalliema li l-istudenti tagħhom ipparteċipaw fl-Olympiad qalu li dan jgħin biex tinbena r-reżiljenza tal-istudenti tagħhom kontra d-diżinformazzjoni u r-rapporti foloz. Barra minn hekk, il-Punteġġ tal-Promotur Nett tagħna – metrika ewlenija tas-sodisfazzjon tal-utenti – laħaq +76 fl-aħħar ċiklu, li huwa meqjus eċċellenti.

X'parir tagħtu lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili oħra dwar il-kisba ta' riżultati minn attivitajiet jew programmi bħal dawn?

Kull pajjiż u kuntest huma differenti, u l-organizzazzjonijiet lokali jafu x'inhu li jaħdem l-aħjar għall-komunitajiet tagħhom. Iżda dawn li ġejjin huma ftit prinċipji li ħadmu tajjeb għalina:

L-ewwel u l-aktar importanti, ma nistgħux ngħidu liż-żgħażaġh x'għandhom jaħsbu. Il-ħsieb kritiku ta' veru jirrispetta pluralità ta' fehmiet. Jekk l-istudenti jħossu li l-opinjoni tagħhom qed jiġu miċħuda jew iddettati

lilhom, huma jiddiżinvolv ruħhom. Aħna ngħallmuhom li l-fatti jridu jiġu vverifikati, iżda li l-opinjonijiet għandhom jiġu diskussi b'rispett.

It-tieni, l-aċċessibbiltà u l-inklużività huma kruċjali. Sakemm ma “nifqgħux il-bużżeġa” u nilħqu lil hinn mill-iskejjel tal-ogħla livell, mhux se jkollna impatt reali. Il-programm tagħna huwa bla ħlas, kompletament online, b'ostakli baxxi u disponibbli wkoll bil-lingwa tal-akbar minoranza etnika tagħna. Din is-sena, 53 % tal-parteċipanti ġew minn skejjel sekondarji vokazzjonali.

It-tielet, li naħsbu dwar l-iskalabbiltà mill-bidu u li ningranaw teknoloġija ġdida biex din tinkiseb. Nużaw l-IA biex nagħtu marka lil tveġibijiet miftuħin, li tippermettilna nżommu esperjenza edukattiva ta' kwalità għolja mingħajr ma nirrikorru għal ittestjar b'għażla multipla. Filwaqt li l-era diġitali ġabet magħha sfidi serji, tipprovdilna wkoll għodod b'saħħithom biex nindirizzawhom.

Richard Vaško ilu mal-Assoċjazzjoni Slovakka tad-Dibattiti (SDA) minn meta kellu-il 12 sena. Huwa rebaħ il-Lega Slovakka tad-Dibattiti Nazzjonali fl-iskola sekondarja u rrappreżenta lis-Slovakkja fil-Kampjonati tad-Dibattiti tal-Iskejjel Dinjija. Huwa ggradwa u ġie minn tal-ewwel mill-klassi tiegħu fil-Liġi, il-Politika u l-Filosofija fl-Università ta' Warwick, ir-Renju Unit, u issa qed jistudja għal MPhil fl-Edukazzjoni (Għarfien, Poder, Politika) fl-Università ta' Cambridge.

Richard ilu mill-2021 jaħdem fl-SDA, fejn waqqaf, u issa jikkoordina, il-Critical Thinking Olympiad. Huwa ħadem ukoll mat-tim tal-Komunikazzjoni Strateġika (StratCom) tal-Ministeru tal-Edukazzjoni Slovakk u kiteb, b'mod konġunt, manwali għat-taħriġ tal-għalliema dwar il-litteriżmu medjatiku għall-Istitut Nazzjonali tal-Edukazzjoni u ż-Żgħażaġħ. Huwa jwettaq riċerka u jorganizza skola tas-sajf multietnika għat-tfal żvantaġġati mal-Istitut Mathias Bel, NGO ffukata fuq minoranzi etniċi u komunitajiet Rom emarġinati fis-Slovakkja.



IL-PREMJU TAL-KESE GħAS-SOĠJETÀ ĊIVILI FIL-QOSOR

Il-Premju ewlieni tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili sal-lum ingħata 15-il darba. Il-Premju jingħata lil proġetti li jieħdu approċċ partikolarment kreattiv u innovattiv għal kwistjonijiet li huma

rilevanti ħafna għall-UE.

L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu minn kwalunkwe organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili rreġistrata uffiċjalment fl-Unjoni Ewropea u li taġixxi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew Ewropew. Il-Premju huwa miftuħ ukoll għal individwi li jirrisjedu fl-UE, kif ukoll għal kumpaniji rreġistrati jew li joperaw fl-UE, dment li l-proġetti tagħhom ikunu strettament mingħajr skop ta' qligħ.

L-inizjattivi u l-proġetti kollha eliġibbli jridu jitwettqu fl-UE. Dawn għandhom ikunu diġà ġew implimentati jew għadhom għaddejnin sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet.

L-għan tal-Premju huwa li jkun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-kontribut eċċellenti tas-soċjetà ċivili għall-ħolqien ta' identità u ċittadinanza Ewropej u għall-promozzjoni tal-valuri komuni li jsaħħu l-integrazzjoni Ewropea.

Kull sena jintgħażel suġġett differenti. FI-2023, il-Premju ingħata lil proġetti li jiffukaw fuq is-saħħa mentali. FI-2022, il-KESE b'mod eċċezzjonali ppremja żewġ temi: iż-żgħażaġh u l-Ukrajna FI-2021, il-Premju onora proġetti klimatiċi li jippromovu tranżizzjoni ġusta. FI-2020, il-KESE ssostitwixxa l-Premju tiegħu għas-Soċjetà Ċivili bi Premju ta' darba għas-Solidarjetà Ċivili, iddedikat għall-ġlieda kontra l-COVID-19. Temi oħrajn fil-passat inkludew l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa, l-identitajiet Ewropej u l-wirt kulturali, u l-migrazzjoni.

F'Ottubru 2024, il-KESE nieda l-15-il Premju tiegħu għas-Soċjetà Ċivili dwar il-ġlieda kontra l-polarizzazzjoni dannuża tas-soċjetà Ewropea.

It-tema tal-polarizzazzjoni hija aktar urġenti minn qatt qabel. Fost kriżijiet multipli li jikkoinċidu – fosthom il-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna u l-instabbiltà soċjali u ekonomika mifruxa – kibret in-nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet u fl-awtoritajiet pubbliċi, u dan wassal għal polarizzazzjoni dannuża.

Is-soċjetà ċivili għandha rwol ewlieni fil-ġlieda kontra dan in-nuqqas ta' fiduċja u fil-monitoraġġ tal-punti minn fejn tinbet il-polarizzazzjoni online u offline, għat-titjib tal-koeżjoni soċjali u għaż-żamma tal-ideali demokratiċi. Flimkien mal-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili, hija tista' tgħin biex tippoteġi d-demokrazija liberali minn xejriet awtoritarji.

Għal din ir-raġuni, il-KESE ddeċieda li jagħti l-15-il Premju tiegħu għas-Soċjetà Ċivili lil inizzjattivi mingħajr skop ta' qligħ li jintervjenu b'mod effettiv billi jimplimentaw miżuri preventivi, ta' twissija bikrija u (fejn meħtieġ) ta' tnaqqis ta' tensjoni li jiżguraw li l-valuri demokratiċi jiġu rispettati, il-polarizzazzjoni ma ssirx ta' ħsara u li narrattivi unilaterali ma jwasslux għal atti ta' vjolenza.



NILTAQG?U MAR-REBBIE?A

Il-15-il Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili ingħata lil tliet rebbieħa li ġejjin mis-Slovakkja, minn Franza mill-Belġju, għall-ħidma ta' ispirazzjoni tagħhom biex tiġi indirizzata l-polarizzazzjoni negattiva madwar l-Ewropa. Ir-rebbieħa ġew imħabbra fl-20 ta' Marzu waqt ċerimonja tal-għoti tal-premijiet

matul il-[Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili](#).

Il-flus tal-premju tqassmu bejn it-tliet premijiet, bl-ewwel premju jirċievi EUR 14 000. It-tieni premju ngħata lil żewġ assoċjazzjonijiet, li t-tnejn li huma rċew EUR 9 000.

L-EWWEL PREMJU: Slovak Debate Association tas-Slovakkja għal *The Critical Thinking Olympiad*.

L-assoċjazzjoni [Slovak Debate Association](#) hija NGO fis-Slovakkja. Il-missjoni tagħha hija li tippromovi mentalità miftuħa u ħsieb kritiku, u li trawwem ċittadinanza attiva fost iż-żgħażaġh Slovakk. Permezz ta' sensiela ta' programmi, Slovak Debate Association tgħalliem liż-żgħażaġh jivvalutaw il-fatti u l-opinjonijiet, jifformulaw l-argumenti tagħhom stess u jaħsbu b'mod kritiku dwar l-output tal-media biex isibu sorsi kredibbli ta' informazzjoni. B'dan il-mod, l-organizzazzjoni tiffirma spazju għal dibattitu pubbliku miftuħ dwar kwistjonijiet ewlenin li tiffaċċja s-soċjetà Slovakka.

Wiehəd mill-aktar programmi ta' suċċess, li tnieda fl-2021, huwa l-**Critical Thinking Olympiad**. Huwa ntlaga' tajjeb ħafna, bi kważi 9 000 student minn aktar minn 300 skola li ħadu sehem is-sena l-oħra. Dan il-proġett innovattiv huwa kompetizzjoni li tibni r-reżiljenza kontra l-miżinformazzjoni fost l-istudenti. Id-diżinformazzjoni hija mifruxa ħafna fis-Slovakkja: 61% tas-Slovakki ma jafdawx il-media u aktar minn nofs il-popolazzjoni temmen fi wħud mit-teoriji ta' komplott. Il-**Critical Thinking Olympiad** jaħdem biex jikkonfronta direttament din l-isfida billi jibni litteriżmu medjatiku u jibdel id-drawwiet tal-konsum fost iż-żgħażaġħ.

Il-kompetizzjoni hija mmirata lejn tliet gruppi ta' età tal-istudenti (snin skolastiċi 8-13), li fihom il-parteċipanti jiffaċċjaw firxa ta' sfidi tal-media fid-dinja reali fi tliet ċikli. Il-kompiti huma mfassla biex jirriflettu l-kontenut li l-istudenti jistgħu jkunu esposti għalih fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Huma janalizzaw il-vidjos fuq TikTok, jivverifikaw il-fatti tal-kontenut maħluq mill-IA u jevalwaw il-posts ta' Instagram, u jippruvaw jiddistingwu bejn ir-realtà u l-miżinformazzjoni. L-istudenti jieħdu sehem ukoll f'ċiklu ta' taħdit pubbliku, fejn iridu jippreżentaw l-argumenti tagħhom lill-persuni tamparhom.

"Il-Critical Thinking Olympiad jgħin biex jiddepolarizza s-soċjetà billi jgħalliem eluf ta' studenti jinvolvu ruħhom ma' persuni b'perspettivi differenti, jirrikonoxxu l-preġudizzji konjittivi u jartikolaw il-fehmiet tagħhom b'mod kostruttiv", qal **Richard Vaško**, il-fundatur u l-koordinatur tal-programm. "Billi nsaħħu l-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku permezz ta' dan l-intervent ibbażat fuq il-ħiliet, qed nagħtu s-setgħa liż-żgħażaġħ biex jirreżistu l-miżinformazzjoni u jinnavigaw l-isfumaturi tad-dibattiti soċjali".

IT-TIENI POST: Reporters d'Espoirs ta' Franza permezz tal-*Prix Européen Jeunes Reporters d'Espoirs*

[Reporters d'Espoirs](#) hija organizzazzjoni Franċiża mingħajr skop ta' qligħ li ġiet iffurmata fl-2003. Hija tat bidu għall-approċċ ta' 'ġurnaliżmu tas-soluzzjonijiet', li issa huwa forma ta' ġurnaliżmu pprattikat b'mod wiesa' li jfittex tweġibiet għall-isfidi li qed tiffaċċja s-soċjetà llum. L-organizzazzjoni tkegġegħ lill-ġurnalisti jadottaw din il-mentalità pożittiva u tippremja l-aħjar innovazzjonijiet ta' rapportar u editorjali tal-ġurnalisti u taż-żgħażaġħ permezz ta' sensiela ta' premijijiet.

Il-**Prix Européen Jeunes Reporters d'Espoirs** hija inizjattiva kemm biex tippremja kif ukoll biex tħarreġ lill-ġurnalisti fil-ġurnaliżmu tas-soluzzjonijiet bil-lingwa Franċiża. Il-programm multidimensjonali joffri lill-kandidati l-opportunità li jitgħallmu l-ġurnaliżmu tas-soluzzjonijiet permezz ta' kors online li jsir flimkien mal-iskola tal-Ġurnaliżmu ta' Aix-Marseille. Kull kandidat ikollu wkoll mentor biex jgħinu jtejjeb il-ħiliet tal-kitba u tad-diskors tiegħu u jitħarreġ fl-arti tal-pitching. Ir-rebbieħa huma mistiedna wkoll f'Pariġi għal vjaġġ ta' tagħlim ta' 48 siegħa li matulu jiltaqqgħu ma' ġurnalisti u esperti oħra tal-istess fehma minn madwar l-Ewropa. Sitt rebbieħa mbagħad jingħataw premijijiet li jammontaw għal EUR 10 000.

"Il-ġlieda kontra l-polarizzazzjoni hija inerenti fil-metodu tal-ġurnaliżmu tas-soluzzjonijiet: huwa juri l-kumplessità tad-dinja, id-diversità tal-atturi li jaġixxu fil-livelli kollha u fil-pajjiżi kollha, flimkien jew b'mod separat, u jiddeskrivi l-kapaċità li għandhom inizjattivi lokalizzati biex jinxterdu", qal **Gilles Vanderpooten**, direttur ta' Reporters d'Espoirs.

Matul l-ewwel tliet edizzjonijiet tiegħu, il-premju rċieva aktar minn 400 applikazzjoni minn 25 pajjiż. L-edizzjoni attwali, ir-raba' waħda, tinsab viċin li taqbeż it-300 applikazzjoni. L-organizzazzjoni diġà appoġġjat aktar minn 75 kandidat biex jipperfezzjonaw il-Franċiż miktub u mitkellem tagħhom.

L-idea tista' faċilment tiġi replikata, u t-tim diġà qed jiddiskuti ma' ġurnalisti fi Spanja, l-Italja u l-Belġju biex jissieħeb magħhom u l-premju jkompli jikber.

“L-ambizzjoni tagħna hija li nespandu l-premju mid-dinja li titkellem bil-Franċiż għal lingwi oħra tal-Unjoni Ewropea”, qal is-Sur Vanderpooten. “Din hija ċ-ċavetta biex aktar u aktar żgħażaġh jinvolve ruħhom fl-‘Ewropa tas-soluzzjonijiet’”.

IT-TIELET POST: FEC Diversité asbl tal-Belġju g?all-pro?ett tag?hom *ESCAPE GAME EXTREME DROITE pour se désintoxiquer*

Fl-Ewropa u madwar id-dinja, l-ideoloġiji tal-lemin qed jissodaw. Il-partiti tal-lemin estrem qed jiżdiedu u l-populiżmu qed jiżdied. L-organizzazzjoni Belġjana mingħajr skop ta’ qligħ [FEC Diversité](#) fasslet mod kif tiġġielel dawn il-fehmiet indirizzati għall-għalliema, l-unions u ċ-ċittadini ordinarji.

ESCAPE GAME EXTREME DROITE pour se désintoxiquer hija logħba ta’ ħarba li permezz tagħha min ikun qed jilgħab “jiddekontamina” ruħu mill-ideat tal-lemin estrem b’mod divertenti u interessanti. Il-plejers jiġu infurmati li ġew infettati b’ideoloġiji tal-lemin estrem u jridu jiddekontaminaw lilhom infushom permezz ta’ sensiela ta’ kompiti. B’dan il-mod, huma jitgħallmu kif l-ideat tal-lemin estrem jinxterdu u jiġu amplifikati permezz tas-soċjetà.

Il-logħba hija magħmula minn erba’ distretti, kull distrett għandu testijiet speċifiċi li l-plejers iridu jgħaddu minnhom. Fid-distrett A, il-parteċipanti jinvolve ruħhom f’diskussjonijiet dwar l-impatt tal-lemin estrem fuq il-post tax-xogħol, permezz ta’ interazzjonijiet ma’ 19-il oġġett. Fid-distrett B, il-plejers jaqraw testimonjanzi reali tal-migranti biex jifhmu l-vjaġġi tagħhom lejn l-Ewropa. Fid-distrett C, l-awdjo ta’ “diskors fuq il-lemin estrem” huwa akkumpanjat minn sensiela ta’ immaġnijiet. Fid-distrett D, il-plejers jinvolve ruħhom f’rapport ma’ partiti tal-lemin estrem, qabel ma jimlew tisliba.

Il-logħba immersiva tinkludi kowċis b’ilbies u maskri kontra l-gass, u b’vuċijiet mibdula. L-idea permezz tad-diversi sfidi hija li jiġu involuti l-ħames sensi kollha biex verament tinkiseb l-esperjenza u titqajjem kuxjenza dwar ir-riskji għad-demokrazija fl-Ewropa.

Mit-tnedija tagħha f’Ġunju 2023, kważi 1,000 pleyer ġew “detossikati”, u l-kelma nfirxet fost l-unions tal-ħaddiema, l-organizzazzjonijiet u l-iskejjel fil-Belġju u lil hinn. Parteċipanti minn Franza u l-Bulgarija ġew jilagħbu l-logħba bl-għan li joħolquha post ieħor.

“Aħna kburin li żviluppajna għodda edukattiva innovattiva li tindirizza l-kwistjoni tal-ideat tal-lemin estrem b’mod interessanti u interattiv,” qalet **Malika Borbouse** minn FEC Diversité. “Permezz tat-trawwim tad-djalogu u r-riflessjoni kollettiva, l-inizjattiva tagħna għenet biex jitnaqqsu t-tensjonijiet u tiġi promossa soċjetà aktar inklużiva”.



[Sir af xi w?ud mill-kandidati l-o?ra](#)

L-edizzjoni ta’ din is-sena tal-premju attira 58 applikazzjoni minn individwi, negozji privati u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f’ħafna Stati Membri Ewropej, li jirriflettu distribuzzjoni ġeografika wiesgħa.

L-applikazzjonijiet ikopru varjetà kbira ta' suġġetti, li jvarjaw mill-involviment u l-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh għall-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali, mil-litteriżmu medjatiku u l-miżinformazzjoni għad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Ħafna inizjattivi jindirizzaw il-problema fl-għeruq tagħha u jikkontribwixxu biex jipprevjenu l-polarizzazzjoni.

Inizjattivi bħall-**Euth Voices for Social Change**, immexxija mill-organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ [Youthmakers Hub](#) fil-Greċja, għandhom l-għan li jagħtu jawtonomizzaw liż-żgħażaġh biex jikkultivaw bidla pożittiva fil-komunitajiet tagħhom. Dawn il-proġetti jindirizzaw il-polarizzazzjoni dannuża, jibnu kultura ta' tolleranza billi jħeġġu lin-nies jinvolvu ruħhom fi djalogi kostruttivi u jirreżistu narrattivi diviżivi, pereżempju permezz ta' taħriġ fil-litteriżmu diġitali u l-podcasting.

Proġetti oħra jiġġieldu n-narrattivi polarizzanti u r-radikalizzazzjoni. Dawn inaqqsu d-distakki kulturali, etniċi u ġenerazzjonali, jindirizzaw id-diviżjonijiet fis-soċjetà, irawmu l-fehim u l-kooperazzjoni reċiproċi, jipproteġu d-drittijiet fundamentali u jispiraw il-koeżjoni soċjali.

DEMDIS Digital Discussion, inizjattiva mnedija minn [DEMDIS](#) fis-Slovakkja, ħolqot pjattaforma ġdida ta' software biex tiġi ospitata diskussjoni diġitali ġusta – anke dwar suġġetti kontroversjali. L-utenti jivvutaw dwar id-dikjarazzjonijiet u jitqiegħdu fi gruppi ta' opinjoni separati. Billi jinstab qbil komuni, il-proġett jibni pontijiet bejn dawn il-kampijiet polarizzati.

Il-Gwida dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tas-[Soċjetà Baltika tad-Drittijiet tal-Bniedem](#) hija eżempju wieħed tal-mod kif is-soċjetà ċivili tista' taħdem biex tiddefendi d-drittijiet fundamentali. Il-Gwida taħdem bħala pjattaforma għall-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, u toffri spjegazzjonijiet multilingwi dwar kif id-drittijiet tal-bniedem jistgħu u għandhom jaħdmu f'sitwazzjonijiet speċifiċi fil-ħajja ta' kuljum.

L-applikazzjonijiet ta' din is-sena kien fihom ukoll diversi approċċi kulturali u artistiċi biex tiġi indirizzata l-polarizzazzjoni, bħall-**Atlas ġeopolitiku tal-kultura u tal-mezzi tax-xandir indipendenti fl-Ewropa** ta' [Arty Farty](#). Din l-inizjattiva tenfasizza temi ta' prijetà għal network ta' organizzazzjonijiet tal-mezzi tax-xandir u kulturali indipendenti madwar l-Ewropa, bħall-inklużjoni, it-tnaqqis tad-distakki territorjali jew il-ħtieġa li tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni. Dawn il-proġetti juru li l-kultura u l-mezzi tax-xandir jista' jkollhom rwol trasformattiv fid-depolarizzazzjoni tas-soċjetà.



[ECI Day 2025: European Citizens' Initiative needs to reach its full potential](#)

The European Citizens' Initiative has proved to be an effective tool for increasing citizens' participation in the political life of the EU. But it must be reinforced to counter the risk of the EU institutions becoming detached from ordinary Europeans.

The [European Citizens' Initiative \(ECI\)](#) is an EU participatory mechanism designed to strengthen direct democracy by allowing at least one million EU citizens (with a specified minimum number of nationals from at least seven Member States) to ask the European Commission to propose an act in an area where Member States have transferred powers to the EU level.

Since 2012, when ECIs were launched, the European Commission has registered 119 initiatives, and their organisers have collected around 20 million signatures. So far, 11 initiatives have been validated as successful and 10 of them have already received a response from the Commission.

The [ECI Day](#), held every year by the European Economic and Social Committee (EESC), is an important forum and platform where registered and future ECI organisers and stakeholders can exchange information and experiences and present their ECI and activities to the public.

This year, the ECI Day was held as part of Civil Society Week on 18 March.

'The EU should take further steps towards participatory democracy to complement its representative form. The European Citizens' Initiative (ECI) is the very first participatory democracy tool at transnational level,' said **Laurențiu Plosceanu**, EESC Vice-President for Communication.

According to the European Ombudsman, **Teresa Anjinho**, the ECI is a powerful tool, but it has not lived up to its potential. 'We have to improve communication on its purposes and functions. Awareness-raising campaigns must be stepped up so that people are fully informed about what an ECI can and cannot do, and take action. To preserve the ECI as a meaningful tool requires transparency, honesty and communication. If we fail, we will also be failing to maintain trust in this tool as well as in the future of our Union,' said Ms Anjinho.

During the ECI Day event, nine ECI initiatives were presented, including those concerning access to water, food security, abortion, LGBTQ+ rights, protecting existing buildings from demolition, videogame heritage protection, a new model to reduce emissions through Air-Quotas, and new health standards for the medical use of psychedelics.

Responding to calls to secure funding for ECI initiatives, **Adriana Mungiu**, head of the ECI team at the Commission's Secretariat-General, urged activists not to wait for new and rather distant budgetary solutions dedicated only to ECIs. Instead, they should make greater use of the funds available in the current EU budget, including in the chapters on 'Citizens' Participation'. (at)



Tliet modi kif l-Ewropej jistgħu jitqarrbu lejn l-Ewropa bl-Inizjattiva ta' -?ittadini Ewropej (I?E)

Minn Daniela Vancic

L-IĊE hija verament unika: ma teżisti l-ebda għodda oħra fid-dinja li tippermetti li ċ-ċittadini jkollhom impatt dirett fuq il-leġiżlazzjoni. Madankollu, għad trid tingħata r-rikonoxximent li ilu jistħoqqilha, tikteb Daniela Vancic, Mexxejja għall-Politika Ewropea u l-Promozzjoni fi ħdan Democracy International, hija u taqsam magħna tliet ideat biex l-IĊE jkollha impatt akbar.

L-[Inizjattiva ta' -Ċittadini Ewropej \(IĊE\)](#) hija waħda mill-aktar għodod demokratiċi b'saħħithom tal-UE, wara l-elezzjonijiet Ewropej. Fit-13-il sena li ilha teżisti, l-IĊE involviet aktar minn 20 miljun ċittadin u b'hekk uriet li hija pjattaforma essenzjali għall-parteċipazzjoni. Madankollu, minkejja l-potenzjal tagħha, l-IĊE rari tirċievi r-rikonoxximent li jistħoqqilha.

Se nispjega għaliex l-IĊE hija importanti u se naqsam magħkom tliet ideat biex ikollha impatt saħansitra akbar.

Ir-rwol tal-IĊE f'dinja polarizzata

X'jagħmel li l-IĊE hija għodda verament unika? M'hemm l-ebda għodda bħalha fid-dinja. L-IĊE tawtonomizza liċ-ċittadini biex jinfluwenzaw il-leġiżlazzjoni direttament billi jiġbru appoġġ f'mill-inqas seba' Stati Membri tal-UE. Fi żmien meta l-polarizzazzjoni politika qed tiżdied, l-IĊE taġixxi bħala pont vitali bejn iċ-ċittadini u dawk li jfasslu l-politika, billi trawwem il-kollaborazzjoni, tibni konnessjonijiet u tixpruna bidla reali.

Fil-qalba tagħha, l-IĊE trid tispira lin-nies biex jinvolvu ruħhom fit-tfassil tal-politika. Tiġbor flimkien gruppi differenti, tqajjem dibattitu pubbliku u tamplifika l-ilħna fix-xena Ewropea. Pereżempju, l-inizjattiva [Il-Vuċi Tiegħi, I-Għażla Tiegħi](#), li dan l-aħħar kisbet aktar minn miljun firma, immobilizzat network ta' attivisti, organizzazzjonijiet u personalitajiet pubbliċi (inklużi personalitajiet internazzjonali bħal Barack Obama) u nediet dibattitu usa' dwar il-valuri fundamentali. Dan it-tip ta' mobilizzazzjoni joħloq valur dejjiemi għad-demokrazija nnifisha, kif ukoll għall-kawża inkwistjoni.

Azzjoni f'waqtha hija kruċjali

L-IĊE għandha potenzjal demokratiku enormi, iżda biex dan jiġi sfruttat bis-sħiħ, azzjoni f'waqtha mill-istituzzjonijiet tal-UE hija essenzjali. Għalkemm ċerti inizjattivi, bħall-kampanja [End the Cage Age](#), wasslu għal bidliet pożittivi fil-politiki tal-UE, spiss ikun hemm dewmien sinifikanti bejn l-appoġġ tal-pubbliku għal IĊE u s-segwitu leġiżlattiv għaliha. Dan jista' jkun frustranti kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għas-soċjetà ċivili, b'riskju li dawn jitilfu l-fiduċja fil-proċess.

Biex iżżomm il-momentum għaddej, l-UE għandha tikkunsidra tħaffef dawk l-Inizjattivi ta' -Ċittadini Ewropej li jirċievu appoġġ pubbliku kbir ħafna. Huwa minnu li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiegħu ż-żmien, però meta IĊE jkollha appoġġ ċar u mifrux, għandha tirċievi attenzjoni speċjali. Iċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu jaraw l-ideat tagħhom jissarrfu f'azzjoni malajr, u b'hekk l-IĊE ssir mutur għal bidla f'waqtha kif ukoll għodda li tinfluwenza.

Ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-ispinta għar-riforma Ewropea

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili minn dejjem kienu fil-qalba tal-IĊE, billi jimmobilizzaw liċ-ċittadini u jissensibilizzaw dwar il-potenzjal tal-għodda. Mill-bidu nett, l-organizzazzjonijiet bħal Democracy International kellhom rwol kruċjali fl-iżvilupp u l-appoġġ tal-IĊE. Iżda r-rwol tas-soċjetà ċivili ma jieqafx hemm.

Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom ikomplu jippromovu riformi li jistgħu jsaħħu l-IĊE bħala strument demokratiku. Pereżempju, l-IĊE għandha tkun tista' tipproponi bidliet fit-Trattati tal-UE – setgħa li għadha ma ntlehqux iżda li jista' jkollha impatt profond fuq il-futur tal-Ewropa. Id-dibattiti dwar ir-riforma tat-Trattati qed jevolvu u qed jiġi aċċettat dejjem aktar li l-UE teħtieġ Trattat li jkun adattat biex jissodisfa l-isfidi u l-opportunitajiet ta' żminijietna. Għalhekk huwa aktar importanti minn qatt qabel li nespandu l-IĊE biex iċ-ċittadini jingħataw siġġu madwar il-mejda.

L-IĊE għandha tkun sors ta' ispirazzjoni għall-politiki

Ejjew inżidu l-livell ta' ambizzjoni għall-IĊE. Waħda mill-ideat biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħha hija li jitqiesu wkoll l-IĊE li ma jissodisfawx il-kriterji formali tal-Inizjattiva. Mhux kull idea kbira tista' tikseb il-miljun firma, iżda dan ma jfissirx li mhux ta' min jikkunsidraha. It-tweġġ ta' kampanja tal-IĊE mhuwiex faċli, speċjalment meta dan jinvolvi sforzi transnazzjonali, multilingwi u multinazzjonali. Madankollu, uħud mill-aħjar ideat jista' ma jkollhomx ir-riżorsi biex jilħqu l-livell għoli stabbilit għas-suċċess tal-IĊE.

Pereżempju, l-IĊE dwar *Single Communication Tariff Act* (Att dwar Tariffa Unika għall-Komunikazzjoni) tal-2012 ma kinitx IĊE ta' suċċess skont id-definizzjoni standard, iżda ispirat il-politika ta' "roaming daqslikeku f'pajjiżek" li daħlet fis-seħħ ħames snin wara, u li kienet ta' benefiċċju għal miljuni ta' Ewropej mobbli li issa jistgħu jgawdu minn roaming tad-data bejn il-fruntieri, mingħajr tariffi. Dan juri li anke l-IĊE li ma jilħqux il-mira tal-ammont ta' firem jistgħu jqanqlu bidla fil-politika. L-UE għandha tkun lesta li tikkunsidra l-ideat kollha mmexxija miċ-ċittadini, anke dawk li ma jiksbox il-miljun firma, u tużahom bħala sors ta' ispirazzjoni għal-leġiżlazzjoni futura.

Punti ewlenin

L-IĊE hija għodda ta' valur inkredibbli għat-tisħiħ tad-demokrazija fl-Ewropa, speċjalment fi żmien meta l-valuri demokratiċi fid-dinja huma mhedda. L-IĊE tawtonomizza liċ-ċittadini biex iressqu l-ideat tagħhom fix-xena tal-UE, u b'hekk timmobilizza l-appoġġ pubbliku u toħloq impatt sinifikanti. Hekk kif l-IĊE tidħol fl-adolexxenza tagħha, wasal iż-żmien li naħsbu dwar kif din l-għodda unika tista' tiġi amplifikata u kif tista' tinholq konnessjoni aktar b'saħħitha u aktar diretta bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet.

Bl-appoġġ kontinwu tas-soċjetà ċivili, l-IĊE tista' tgħin biex tinbena Unjoni Ewropea aktar parteċipattiva u reattiva, li ssaħħaħ postha bħala mexxejja globali fid-demokrazija.

*Daniela Vancic hija l-Mexxejja għall-Politika Ewropea u l-Promozzjoni fi ħdan [Democracy International](#), fejn ilha mill-2017 tippromovi d-demokrazija parteċipattiva u diretta. B'aktar minn għaxar snin ta' esperjenza fil-proċessi ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini, hija esperta rikonoxxuta fil-qasam tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Fl-2022, hija kienet il-koeditriċi tal-ktieb *Complementary Democracy: The Art of Deliberative Listening*.*



[L-I?E My Voice, My Choice: Aktar minn 1,2 miljuni jappo??jaw id-dritt g?all-abortion](#)

[L-Inizjattiva ta?-?ittadini Ewropej My Voice, My Choice](#) qed tippromovi aborti sikuri u a?cessibbli g?han-nisa kollha fl-UE.

Imnedija f'April 2024 u kkoordinata mill-Istitut Sloven 8 ta' Marzu, irnexxielha ti?bor aktar minn miljun firma ferm qabel l-iskadenza tag?ħa. Il-KESE Info tkellem mal-organizzaturi dwar l-ur?enza tal-kampanja tag?hom fil-klima politika attwali, fejn in-nisa qed jitilfu dejjem aktar il-kontroll fuq id-drittijiet riproduttivi tag?hom.

X'wassalkom biex tniedu l-Inizjattiva My Voice, My Choice, u x'inhu l-g?han a?hari tag?kom?

Bdejna na?sbu dwar kampanja li tipproteġi d-dritt g?hall-abortion fl-Ewropa kwa?i tliet snin ilu, meta fl-Istati Uniti ġiet invalidata s-sentenza Roe vs Wade. In-nisa mill-Istati tilfu d-dritt kostituzzjonali tag?hom mil-lum g?hall-g?ħada, u mill-ewwel konna nafu li kellna b?onn nipproteġu l-abortion fl-Ewropa wkoll. In-nisa fil-Polonja qed imutu fl-isptarijiet min?ħabba projbizzjoni kwa?i s?i?ħa fuq l-aborti. Dawn l-a?har snin organizzaw l-akbar protesti g?had-dritt g?hall-abortion. In-nisa f'Malta g?ħadhom jistg?u jintbag?tu l-?abs jekk jag?mlu abort. Din is-sena Giorgia Meloni tat permess lill-gruppi kontra l-abortion biex jipprotestaw fil-kliniċi tal-abortion u jag?tu fastidju lin-nisa li qed jippruvaw jag?mlu abort. Aktar minn 20 miljun mara fl-Ewropa ma g?handhomx a?ċess g?hall-abortion.

U g?hal din ir-ra?uni nedejna l-kampanja My Voice, My Choice. ?dimna fuq il-proposta tag?na ma' tim ta' avukati internazzjonali u ffurmajna network b'sa?ħtu ma' organizzazzjonijiet minn madwar l-Ewropa.

L-g?han tag?na huwa li nipproteġu d-drittijiet tal-abortion fil-livell tal-UE u li ntejbu l-a?ċess g?hall-abortion g?han-nisa li issa jridu jivvja?gaw lejn pajji?i o?ra min?ħabba projbizzjonijiet fuq l-abortion (b?han-nisa f'Malta u l-Polonja) jew min?ħabba rata g?holja ta' o?gezzjoni mill-kuxjenza (kif jidher fl-Italja u l-Kroazja), jew biss g?hal kull min b?ħalissa ma jistax jaffordja li jkollu abort (f'pajji?i b?hall-?ermanja jew l-Awstrija).

Il-klima politika attwali hija e?attament ir-ra?uni g?ħaliex il-kampanja tag?na hija ur?enti. Je?tieġ li ning?haqdu u nuru li l-ma?ggoranza tan-nies huma favur id-dritt g?hall-abortion u jopponu r-restrizzjonijiet fuq il-libert? riproduttiva. Il-ma?ggoranza tal-Ewropej jappo?g?jaw id-dritt g?hall-abortion, u rridu nibqg?u mag?qudin biex nipproteġuhom.

X'passi konkreti qed titolbu li l-Kummissjoni Ewropea g?ħandha tie?u? Kif jista' jinkiseb dan, peress li s-sa?ħa hija kompetenza tal-Istati Membri?

Qed nipproponu li l-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi mekkaniżmu finanzjarju li ja?dem b?ħala mekkaniżmu ta' inklużjoni fakultattiva g?hall-Istati Membri, li jkopri l-ispi?a tal-pro?eduri tal-abortion. Dan jopera b'mod simili g?hall-programmi g?hall-prevenzjoni u t-trattament tal-kan?er.

L-idea hija li kull min ikollu jivvja?gaw lejn pajji? ie?or g?hal abort - min?ħabba restrizzjonijiet kbar f'pajji?u stess jew rata g?holja ta' o?gezzjoni mill-kuxjenza - mhux ser ikollha t?allas g?hall-pro?edura minn butha. B?ħalissa, eluf ta' nisa qed jivvja?gaw lejn pajji?i o?ra fejn xi drabi j?ħallsu eluf ta' euro g?hall-pro?edura. Mhux kul?add jista' jaffordja dan.

L-abortion forsi ma jaqax taħt il-kompetenzi tal-Kummissjoni Ewropea, iżda l-programmi finanzjarji relatati mal-kura tas-saħħa iva, li huwa kif stajna nirreġistraw l-IĊE tagħna.

Għaliex għażiltu li tipproċedu b'dan permezz ta' IĊE? X'tama għandkom li l-Kummissjoni se twieġeb b'mod favorevoli?

L-organizzazzjoni Slovena tagħna, l-[Istitut 8 ta' Marzu](#), li qed tikkoordina l-kampanja My Voice, My Choice, għandha esperjenza estensiva b'inizjattivi ċivili nazzjonali, ġbir ta' firem u referenda. Permezz tal-mekkaniżmu nazzjonali tal-inizjattiva ċivili diġà biddilna b'suċċess 15-il liġi fis-Slovenja u rbaħna żewġ referenda nazzjonali. Huwa għalhekk li xtaqna nsibu għodda simili ta' demokrazija diretta fil-livell tal-UE. U dan wassalna biex insiru nafu dwar l-IĊE. Ridna niksbu bidla diretta li jkollha impatt dejjiemi fuq id-drittijiet riproduttivi għal kulħadd fl-Ewropa, u għal din ir-raġuni ddeċidejna li nibdew niġbru l-firem.

Matul il-kampanja kellna appoġġ politiku mill-gruppi politiċi ċentru-xellugin kollha fil-Parlament Ewropew, irċevejna appoġġ minn politiċi notevoli fil-livell nazzjonali f'ħafna Stati Membri tal-UE, u għandna konnessjonijiet tajbin u stabbilejna relazzjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea. Nittamaw li se jagħtu widen lil aktar minn 1,2 miljun persuna li jappoġġjaw l-Inizjattiva tagħna.

Kif irnexxielkom timmobilizzaw nies f'pajjiżi differenti tal-UE biex jappoġġjaw l-Inizjattiva tagħkom u jgħinu fil-ġbir tal-firem? X'mezzi qed tużaw biex ixxerdu l-kelma?

Matul il-kampanja bnejna network b'saħħtu ta' aktar minn 300 organizzazzjoni u ħloqna komunità sabiħa ta' aktar minn 2 000 voluntier u voluntiera mill-Ewropa kollha. Ridna nkunu preżenti fit-toroq tal-bliet, l-irħula u l-villaġġi Ewropej, bil-voluntiera tagħna lesti biex jiġbru l-firem. Irnexxielna noħolqu preżenza online b'saħħitha fuq l-[Instagram](#) tagħna, iżda nużaw ukoll mezzi differenti bħal [Facebook](#), [TikTok](#), YouTube, [Bluesky](#), [X](#) u pjattaformi oħra tal-media soċjali.

Qbiżtu l-limitu ta' miljun firma meħtieġa għal IĊE ta' suċċess xahar qabel l-iskadenza biex jinġabru l-firem. X'tip ta' feedback u appoġġ, inkluż dak finanzjarju, irċevejtu s'issa?

Irnexxielna niġbru miljun firma f'Diċembru, wara li konna ilna niġbruhom għal disa' xhur, u għalaqna l-ġbir tal-firem b'1,2 miljun firma qabel l-iskadenza.

Irnexxielna niġbru l-firem bl-għajnuna tan-network u tal-komunità tagħna, iżda applikajna wkoll għal opportunitajiet ta' finanzjament differenti matul il-kampanja tagħna sabiex insostnuha. My Voice, My Choice rebħet ukoll il-Premju Sloven tas-Soċjetà Soċjoloġika u hija magħżula għall-Premju SozialMarie. Ksibna wkoll l-appoġġ tal-gruppi politiċi kollha ċentru-xellugin fil-Parlament Ewropew, u l-appoġġ individwali minn diversi MEPs, il-Viċi President tal-Parlament Ewropew **Nicolae Ștefănuță**, is-Senatur Franċiż **Melanie Vogel**, il-President Sloven **Nataša Pirc Musar**, u l-Prim Ministru **Robert Golob**. Ħafna attivisti u individwi minn pajjiżi differenti tal-UE jappoġġjaw ukoll il-kampanja, bħal **Luisa Neubauer** mill-Ġermanja u **Alice Coffin** minn Franza.

[**My Voice, My Choice**](#) hija inizjattiva li qed tevolvi f'wieħed mill-akbar movimenti femministi tal-Ewropa. Din tinkludi aktar minn 300 organizzazzjoni, għadd kbir ta' sostenituri u voluntiera ddedikati minn madwar l-UE li jaħdmu flimkien biex jiżguraw abort sikur u aċċessibbli fl-Unjoni Ewropea.



Biex tkun taf il-verità dwar il-gwerra, staqsi lil dawk li jg?ixuha

Tatiana Povalyaeva rappreżentat lill-Ukrajna fl-edizzjoni ta' din is-sena [L-Ewropa Tiegħek, Leħnek!](#) flimkien mal-istudenti tagħha. Għalliema fi skola sekondarja f'Kharkiv, l-aħħar darba li kienet fil-klassi tagħha kien Frar 2022 u issa ilha tgħallem online

minn dak iż-żmien 'l hawn. Hija tiddekrivi l-isfidi li wieħed ikun edukatur f'belt 40 kilometru biss mill-fruntiera Russa, li ġarrbet attacki bla waqfien mill-bidu tal-gwerra.

Bħala edukatriċi, bħala għalliema, il-gwerra kif kellha impatt fuq il-kapaċità tiegħek li tgħallem u fuq is-sistema edukattiva b'mod ġenerali fl-Ukrajna?

Illum f'Kharkiv, kważi l-iskejjel kollha qegħdin jgħallmu online minħabba li m'għandniex biżżejjed xelters biex inżommu lill-istudenti tagħna sikuri meta jkunu fil-klassi. Ilna nagħmlu dan tliet snin issa u l-aħħar darba li rajt lill-istudenti tiegħi fil-klassi kien fit-23 ta' Frar 2022. Ħafna studenti telqu mill-pajjiż – ma kellhomx għażla oħra. Issa qed jgħixu f'ħafna pajjiżi Ewropej u bħala għalliema, għandi dieqa kbira. Nimmissja l-istudenti tiegħi u naf li jridu jgħelbu ħafna diffikultajiet. Xi drabi jkollhom jistudjaw kemm fl-iskejjel Ewropej kif ukoll f'dawk Ukreni. Dan huwa piż kbir għalihom. Sadanittant, aħna li għadna fl-Ukrajna ngħixu f'periklu kostanti. Ħadd ma jistħoqqlu jesperjenza dan.

It-tagħlim u l-appoġġ lill-istudenti fi żmien il-gwerra hija xi ħaġa li qatt ma ffaċċajna qabel. Waħda mill-akbar sfidi għaliha hija li nħossni li ma nista' nagħmel xejn biex ngħin lil xi studenti. M'għandix biżżejjed għarfien u esperjenza biex xi drabi nittratta l-problemi tas-saħħa tagħhom ikkawżati mill-istress u l-effetti tiegħu. Rajt bidliet serji fil-personalitajiet tal-istudenti minħabba disturbi minn stress postrawmatiku, fejn l-għajnuna minn tabib hija aktar urġenti minn dik minn għalliema. Iebsa tinduna li ma tistax tipproteġi lill-istudenti tiegħek minn dawn is-sofferenzi. Madankollu, aħna nibqgħu qrib l-istudenti tagħna, u lesti ngħinuhom, nappoġġawhom u nieħdu ħsiebhom.

Diffikultà oħra hija li nibqa' reżiljenti jien stess u nkun riżorsa tajba għall-istudenti tiegħi, mhux biss għas-suġġetti li ngħallem iżda wkoll f'aspetti oħra tal-ħajja. Għalliem b'saħħitha u reżiljenti tista' toffri aktar lill-istudenti, iżda l-mistoqsija hija: kif inżommu dik is-saħħa? L-għalliema li jgħixu u jaħdmu waqt gwerra jeħtieġu appoġġ bħal kulħadd, minħabba li qed ngħinu lit-tfal li huma l-futur tagħna. Aktar ma l-għalliema tħossha pożittiva, aktar ma jirċievu appoġġ u kura l-istudenti.

Għaliex taħseb li huwa importanti li tteġġeg lill-istudenti tiegħek ikunu interessati fil-politika jew fil-ħajja ċivika jew jipparteċipaw f'avvenimenti internazzjonali bħal dan?

Wieħed mill-kompiti essenzjali tal-għalliema huwa li jteġġu l-istudenti tagħhom jaqdu rwol attiv. U huwa saħansitra aktar importanti li jspirawhom jibqgħu involuti fil-ħajja politika, peress li l-politika għandha impatt sinifikanti fuq il-ħajja tan-nies. Din toffri opportunità siewja biex noħorġu b'ideat u soluzzjonijiet għal ħafna mill-problemi li qed niffaċċjaw illum.

Meta jattendu avvenimenti internazzjonali bħal *L-Ewropa Tiegħek, Leħnek!*, l-istudenti jistgħu jsibu ħbieb u sostenituri ma' min jaqsmu l-ideat tagħhom, jaħdmu flimkien lejn l-aħħar soluzzjonijiet, u jiskambjaw esperjenzi siewja. Mingħajr dubju, meta jiltaqgħu ma' oħrajn bħalhom, dan jippermetti lill-istudenti jirriflettu dwar kemm huma progressivi, liema pjani, għanijiet u perspettivi għandhom, u x'tip ta' tkabbir personali għad għandhom bżonn.

Kieku tista' tgħid xi ħaġa lil għalliema oħra jew lil skejjel oħra, liema messaġġi tgħaddilhom bħala għalliema fl-Ukrajna bħalissa?

Għandi biss tliet punti li nixtieq naqsam mal-kollegi tiegħi u mal-istudenti tagħhom. L-ewwel nett, jekk verament tixtiequ tkunu taf il-verità dwar il-gwerra, staqsu lil dawk li qed jgħixuha.

It-tieni, kunu afu kemm huwa importanti li tkunu magħqudin biex tgħinu lill-oħrajn u tkunu lesti li tipprevjenu avvenimenti katastrofiċi. Barra minn hekk, ifhmu kemm huwa sinifikanti li tkun parti minn komunità b'saħħitha b'valuri morali, interessi u prospetti kondiviżi għall-futur.

It-tielet, u naħseb li l-aktar wieħed importanti, huwa li aħna ħajjin. Ngħixu ħajjitna, nitħabtu u niksbu r-riżultati. Intejbu ħajjitna; nittamaw għall-aħjar u nistinkaw ħafna biex nuru li anke fl-aktar żminijiet diffiċli, hemm tama u għatx għall-ħajja. Nirrispettaw lil dawk li jissagrifikaw ħajjithom għall-futur indipendenti tagħna, u ngħinuhom kemm nistgħu. Ninsabu grati lejn kull min jgħin.

L-istudenti tal-Ukrajna jieħdu sehem f'ħafna avvenimenti domestiċi u internazzjonali, kompetizzjonijiet, u l-Olimpijadi, fejn jiksbu riżultati eċċellenti u rikonoxximent dinji. Fl-istess ħin, qed nitgħallmu nissopravvivu fiżikament, intellettwalment u emozzjonalment fl-aktar kundizzjonijiet tal-għajxien diffiċli, u dan se jkun parti mill-esperjenzi li ngħixu fihom f'nofs l-Ewropa.

Tatiana Povalyaeva ilha tgħalliem l-Ingliż fil-Liċeo 99 ta' Kharkiv fl-Ukrajna għal kważi 26 sena. Hija ħadet sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena ta' L-Ewropa Tiegħek, Leħnek!, fejn akkumpanjat lill-istudenti tagħha.

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Laura Lui (ll)

Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma

Chrysanthi Kokkini (ck)
Claudia-Paige Watson Brown (cpwb)
Daniela Vincenti (dv)
Dimitra Panagiotou (dm)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Giorgia Battiato (gb)
Jasmin Kloetzing (jk)
Joanna Harnett (jh)
Katerina Serifi (ks)
Laura Lui (ll)
Leonard Mallett (lm)
Marco Pezzani (mp)
Margarita Gavanis (mg)
Margarida Reis (mr)
Millie Tsoumani (mt)
Pablo Ribera Paya (prp)
Samantha Falciatori (sf)
Parminder Shah (sp)
Thomas Kersten (tk)
Veronika Kadlecová (vk)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)

Indirizz

European Economic and Social Committee
Jacques Delors Building,
99 Rue Belliard,
B-1040 Brussels, Belgium
Tel. (+32 2) 546.94.76
Email: eescinfo@eesc.europa.eu

EESC info is published nine times a year during EESC plenary sessions. EESC info is available in 24 languages
EESC info is not an official record of the EESC's proceedings; for this, please refer to the Official Journal of the
European Union or to the Committee's other publications.

Reproduction permitted if EESC info is mentioned as the source and a link is sent to the editor.